Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 364 / 2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs**

**Graziella Apap**

Illum 26 ta' Frar, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta, Graziella Apap detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 0193784M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' Novembru, 2014 u fix-xhur ta' qabel f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. B' mezz kontra ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b' qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b' ohra sabiex igeghlu titwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqlu tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamlu qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad-dannu ta' Joseph Farrugia (ID 0268963M), Agatha Borg (ID 0147241M) u Anna Borg (ID 0724336M), Karmni Frendo (ID 0396742M), Anna Cachia (ID 0516845M),

Vincenza Zammit (ID 0123436M), Giovanna Antida Sciberras (ID 839345M) u Alfred Sciberras (ID 0611839M), Vincenzo Galea (ID 010831M), Teresa Hili (ID 054335M), Carmelo Zammit (ID 020835M), Teresa Callus (ID 0494342M), Marija Karmena Farrugia (ID 0747843M), Giorgio Azzopardi (ID 0487125M) u Rachele Azzopardi Galdes (ID 0245327M), Dolores Zammit (ID 0474740M), Antonia Dalli (ID 0444028M), Salvatore Mercieca (ID 0703735M) u Rita Mercieca (ID 0566334M), Ganni Domenici (ID 0567745M), Carmelo Saliba (ID 0173043M), Saviour Calleja (ID 065741M), Pietro Paolo Teuma (ID 0732522M), Maria Stella Vella (ID 0107821M), Carmela Somerville (ID 0639644M), Giorgia Zammit (ID 0627131M), Caterina Cumbo (ID 0138434M), Kunsilja Debono (ID 0821740M), Gemma Cutajar (ID 0412848M), Teresa Vella (ID 0439633M), Mary Mifsud (ID 051451G), Giovanna Mifsud (ID 0347729M), Marija Grazia Cutajar (ID 087335M), Rita Lia (ID 0357034M), Giuseppe Risso (ID 0520726M) u Teresa Risso (ID 0715430M), Mary Booker (ID 0196324M), Martha Fenech (ID 049439M) u/jew id-Dar tal-Providenza.

2. Kellhom fil-pussess taghhom jew taht il-kontroll taghhom xi oggett ghall-uzu fit-twettiq jew f' konnessjoni ma' xi frodi.

3. Assocjaw ruhhom ma' xi persuni ohra f' Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt (frodi ai terminu tal-artikoli 308 u 309) li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-Istampa u dan ai terimu ta' l-Artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Lil Graziella Apap wahidha:
Talli f' Malta xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk dan isir f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b' kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

U b' hekk l-imputati Graziella Apap u omissis saru recidivi a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas- 26 t' Awwissu, 2015 (esebita a fol. 446 tal-process fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputata taht dak li hemm mahsub;

a. Fl-artikoli 308, 309, 310(1)(b) (qabel l-emendi permezz tal-Atti XXIV tas-sena 2014) u l-artikoli 18 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 308, 309, 310(1)(b)(c) (wara l-emendi permezz tal-Atti XXIV tas-sena 2014) u l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 310BA(1) u 310BA(2)(a)(b) u l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 334(c) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikoli 42, 43, 44, 45, 46, 47, 48 u 48A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. Fl-artikoli 17, 18, 23, 23A, 31, 42, 43, 44, 45, 46, 47, 48, 48A, 49, 50, 467(2), 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-20 ta' Settembru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 t' Awwissu, 2015 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 308, 309, 310(1)(b) qabel l-emendi permezz tal-Atti XXIV tas-sena 2014), 309, 310 (1)(b)(c) (wara l-emendi permezz tal-Atti XXIV tas-sena 2014), 310BA(1) u 310BA (2) (a)(b), 334(c), 42, 43, 44, 45, 46, 47, 48 u 48A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha u ikkundannatha erba' (4) snin prigunerija.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputata sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tliet mija erba' u ghoxrin Ewro u sitta u tmenin il-

Ewro centezmu (€324.86)[1] liema ammont jirraprezenta nofs l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Graziella Apap, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 t' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **<u>THASSAR U TIRREVOKA</u>** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u minflok tiddikjaraha mhux hatja taghhom u konsegwentement **TILLIBERAHA** minnhom; jew sussidjarjament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat **Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi l-esponenti appellanta ser tkun qieghda tinterponi dan l-umil appell kemm mill-apprezzament tal-provi illi ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-kaz odjern u kif ukoll mill-piena erogata fil-konfront taghha.

**A. <u>Apprezzament tal-Provi Prodotti</u>**

Illi qabel xejn l-esponenti tirrileva illi l-unika prova illi ingiebet kontra taghha kien l-istess Joseph Meilaq, l-imputat illi wettaq ir-reati imsemmija, ammetta ghalihom u gie kkundannat ghal erba' (4) snin prigunerija! Illi filfatt kien Joseph Meilaq innifsu li propju deffes lill-esponenti fl-istorja tieghu, wara illi gie arrestat mill-Pulizija u interrogat, stante' illi l-esponenti Graziella Apap ma giet intralcata f' dawn ir-reati fl-ebda hin.

**<u>Il-Komplicita' ta' Joseph Meilaq fil-kaz odjern</u>**

[1] Relazzjoni Ta' Dr Joseph Mifsud inserita a fol 196 et seq tal-atti processwali fl-ammont ta' €649.72c.

Illi preliminarjament, jigi rilevat illi l-ewwel aggravju li ser tkun qieghda tressaq l-esponenti appellanta jirrigwardja l-fatt illi l-unika prova li tressqet kontra l-appellanta kien Joseph Meilaq innifsu; li tressaq il-Qorti flimkien mal-esponenti u sahansitra kienu qeghdin jinstemaw il-proceduri kontrihom fl-istess kawza, pero' fil-mori tal-proceduri Meilaq ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi tenut kont tal-fatt illi Meilaq legalment jitqies bhala komplici fil-kaz odjern, sabiex l-Onorabbli Qorti tqis ix-xhieda tieghu bhala wahda ammissibbli trid tezamina x-xhieda ta' dak ix-xhud b' hafna izjed kawtela minn xhieda ohrajn, aktar u aktar meta ma jkunx hemm provi ohrajn kontra dik l-imputata. Illi filfatt, qabel l-emendi li dahlu fis-sehh permezz tal-Att XVI tas-sena 2006, il-Ligi kienet tiddetta illi meta l-unika xhud ikun dik l-istess persuna li tkun komplici fil-kaz, dik l-istess xhieda trid tkun korroborata f' fatti materjali ohrajn sabiex tkun ammissibbli. Illi meta dak l-artikolu tal-Ligi, u cioe' artikolu 639 (3) tal-Kodici Kriminali kien emendat, sar jaqra:

*(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b' kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.*

Illi huwa ghalhekk, li meta tigi ezaminatha xhieda bhal dik ta' Joseph Meilaq, il-Qorti trid tuza *ex abundantia cautela,* sabiex permezz ta' dik ix-xhieda hi ssib htija fl-imputata. Illi tant kemm il-Qorti trid tkun kawta, u trid taghmel ezami bir-reqqa ta' dik ix-xhieda, illi l-Qrati taghna kemm il-darba tennew li filfatt kwalunkwe' dikjarazzjoni ta' ko-awtur jew inkella ta' komplici f' kaz lanqas biss ma hi wahda ammissibbli sakemm il-kaz ta' dik il-persuna ikun ghadda in gudikat.

F' dan l-istadju, l-esponenti sahansitra taghmel referenza ghaz-zewg (2) stqarrijiet moghtija minn Meilaq, fil-konfront tal-esponenti, liema stqarrijiet, u dan qieghed jinghad anke' in vista tal-gurisprudenza appena citata, ma jistawx jitqiesu bhala ammissibbli fil-konfront tal-esponenti, u dan stante' illi meta gew rilaxxati minn Meilaq, il-kaz tieghu kien ghadu ma giex deciz, anzi kien ghadu jigi investigat mill-Pulizija. Huwa ghalhekk, li l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tiskarta kompletament

dawk iz-zewg (2) stqarrijiet, ghall-kuntrarju ta' dak illi sar, u cioe' illi fid-decizjoni taghha tikkunsidra dawk iz-zewg (2) stqarrijiet bhala prova kontra l-esponenti. Huwa ghalhekk illi, tenut kont tal-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma skartatx iz-zewg (2) imsemmija stqarrijiet, l-esponenti qieghda titlob l-isfilz taz-zewg (2) stqarrijiet irrilaxxati minn Joseph Meilaq datati d-disgha (9) u l-ghaxra (10) ta' Novembru, 2014 rispettivament.

Fir-rigward ta' kwalunkwe' dikjarazzjoni ta' xhud illi huwa komplici jew ko-awtur, liema dikjarazzjoni ikun ghamilha hu stess qabel ma instab hati, il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f' diversi każijiet fosthom **Sua Maesta r-Re vs Carmelo Cutajar ed altri**,. Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; **Il-Pulizija vs Toni Pisani** Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944; **Il-Maesta tiegħu r-Re vs Karmenu Vella**, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947; **The Police vs Alfred W. Luck et**, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara**, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; **Il-Pulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et**, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius**, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u r-**Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit** et Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia**, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998.

F' dan l-istadju ssir referenza wkoll ghal digriet datat nhar l-erbgha (4) ta' Frar tas-sena 2004, fil-kawza bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella,** fejn il-Qorti kienet tenniet illi:

> persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor b' mod li jkun hemm ko-akkuzati fil-veru sens talkelma u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati.

*Di piu'* , fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius**, tal-hdax (11) ta' Lulju, 1997 il-Qorti tenniet illi:

> Hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat ieħor. Dan il-prinċipju jitnissel kemm mill-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-Artikolu 636 (b) tal-imsemmi Kodiċi. Infatti l-ġurisprudenza tagħna rrikonoxxiet ukoll linammissibilità tax-xhieda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż.

Ghaldaqstant, minkejja illi l-ligi ma ghadhiex tiddetta li dik ix-xhieda tal-persuna komplici ghandha tkun korroborata b' fatti materjali sabiex tkun ammissibbli, il-Ligi xorta wahda tiddetta illi dik ix-xhieda ghandha tigi ezaminatha b' kawtela kbira, u dan in vista tal-fatt li meta l-unika prova kontra l-imputat ikun xhud li huwa hati hu stess minhabba komplicita' fil-kaz jew ghax ikun ko-awtur, wiehed irid jifhem x' livell ta' kawtela huwa rikjest, f' kazijiet bhal dawn.

Issa fil-kaz odjern, mhux talli mix-xhieda ta' Meilaq jirrizulta li ma kienx qieghed jghid mis-sewwa, talli ma kien hemm l-ebda fatti materjali li b' xi mod jew iehor jikkorroboraw ma' dak illi beda jtenni. Il-fatt wahdu li x-xhud Meilaq indika l-fatt li hu kien xtara *washing machine* lill-esponenti bil-flus migbura mid-donazzjonijiet, ma jfissirx u ma jirrizultax illi gieghlitu hi jixtrilha l-*washing machine,* izda l-unika fatt li jirrizulta hu li Meilaq xtara *washing machine* bil-flus li gabar hu stess.

*Di piu'* , l-inaffidabbilita' u l-karattru refrattarju tax-xhud Joseph Meilaq ma ittiehditx in konsiderazzjoni meta l-Ewwel Onorabbli Qorti giet sabiex tezamina l-kaz odjern. Illi meta Qorti tigi biex tezamina xhud, trid tezaminah ai termini tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, u cioe' :

*637. L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:*

*Iżda attenzjoni partikolari għandha tingħata sabiex jiġi assigurat li evidenza relatata mal-istorja u l-imġiba sesswali tal-vittma ma tkunx permessa sakemm ma tkunx relevanti u neċessarja.*

Illi meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni ta' kull rekwizit li jirrikjedi xhud ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wiehed jinnota illi Joseph Meilaq ma jissodisfa l-ebda wiehed minnhom u dan ghal diversi ragunijiet. Meilaq mhux talli ma kienx konsistenti fl-istqarrijiet u x-xhieda tieghu, u mhux talli wkoll ix-xhieda tieghu ma kellhiex mis-sewwa, talli ghandu kondotta u karattru refrattarji. Illi kif jirrizulta mill-fedina penali ta' Joseph Meilaq, hu bniedem recidiv u li ma hux wicc gdid ghall-Qorti; minbarra l-fatt importanti, li sahansitra ikkonferma hu stess b' gurament, kif ukoll huwa konfermat fil-fedina penali tieghu illi hu kien diga' instab hati ghal mhux inqas minn seba' (7) darbiet mill-Qrati taghna in konnessjoni ma' imputazzjonijiet kwazi identici tal-kaz odjern, liema kazijiet kienu sahansitra jikkoncernaw sitwazzjonijiet fejn Meilaq kien jigbor donazzjonijiet minghand in-nies ghall-karita' b' mod frawdolenti u kif ukoll jqassam biljetti foloz, u sahansitra kien anke' skonta piena karcerarja qabel biss iltaqa' mal-esponenti!!

Ghaldaqstant, bid-dovut rispett, ma kien xejn *safe and satisfactory* illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ssib lill-appellanta hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha, stante' illi ma kienx sodisfacentament ippruvat illi l-appellanta kienet involuta fil-kaz odjern, ahseb u ara kemm gieghlet lil Meilaq imur jittallab il-flus. F' dan ir-rigward jinghad, illi ghalkemm appelli mill-apprezzament tal-provi, huma odjuzi, u dan peress illi Qorti tal-Appell, normalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, **fil-kaz odjern, dan huwa necessarju, peress illi huwa manifest illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt, *safely* u *satisfactory* tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, aktar u aktar in vista tal-karattru tax-xhud principali Joseph Meilaq.**

Ghalkemm il-gurisprudenza f' dan ir-rigward hija wahda kopjuza, se jigu citati xi kazijiet illi jispjegaw car, meta l-Qorti tal-Appell ghandha tissindika d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f' dak li huwa apprezzament ta' provi.

Fil-kaz **__il-Pulizija v. Noel Buhagiar__**, deciz fl-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-Appelli Inferjuri, il-Qorti spjegat hekk:

> Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi.

L-istess intqal mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kaz fl-ismijiet **__Il-Pulizija vs Epifanio Azzopardi__**, deciza fit-tletin (30) ta' Marzu, tas-sena kurrenti elfejn u sbatax (2017*):*

> Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002]…

Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper"** (1969):

*court will be very reluctant to interfere with the jury' s verdict* (f' dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat*), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution' s evidence as revealed from the transcript of the*

*proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also: BLACKSTONE' S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392).

Illi filfatt, hemm diversi provi prodotti mill-Prosekuzzjoni innifisha li filfatt juru kemm l-esponenti ma kellha l-ebda involviment fil-kaz odjern, **izda spiccat akkuzata intortament bir-reati odjerni, a skapitu ta' Joseph Meilaq, wara illi hu stess kien mar jirrisjedi mal-esponenti u ghamlitlu pjacir u zammitu ghandha.** Illi qabel mal-esponenti ser tghaddi biex tirrileva ghalfejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fl-umli fehma taghha, ma kellhiex toqghod fuq l-unika xhud, u cioe' Meilaq, ser taghmel referenza ghall-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni, liema fil-verita' ma jwasslu ghall-ebda hija fil-konfront tal-istess esponenti.

Qabel xejn, il-Prosekuzzjoni tenniet illi l-Pulizija illi ghamlu s-*search* fir-residenza tal-esponenti appellanta sabu diversi oggetti illi kienu ghadhom jidhru godda, u dan minkejja l-fatt li l-esponenti kienet tghix bil-beneficcji socjali. Illi bid-dovut rispett, jidher bic-car mill-provi prodotti, illi l-esponenti kienet taghmel xoghol iehor, li minnu kienet taqla' l-ghixien taghha, u dan kif jidher kemm mill-*massage couch* li instab fir-residenza taghha, kemm mill-messaggi li instabu fuq il-*mobile phone* taghha u kif ukoll minn xi karti li kienu instabu fir-residenza taghha stess. Illi huwa ghalhekk, illi dawn il-provi li gabet il-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma huma xi tip ta' prova kontra l-appellanta. Barra minn hekk, il-Prosekuzzjoni tenniet ukoll illi meta l-Pulizija ezegwiet is-*search warrant* fir-residenza tal-esponenti, instabu zewg (2) ricevuti tad-Dar tal-Provvidenza, li ghal darb' ohra jerga' jigi ritenut, li dawn ma jwasslu ghall-ebda prova kontra l-esponenti, stante' illi mill-provi prodotti irrizulta illi Joseph Meilaq kien qieghed jirrisjedi fl-istess residenza tal-esponenti appellanta u huwa ghalhekk biss li instabu dawn ir-ricevuti hemmhekk, u mhux ghax kien tal-esponenti.

*Di piu'* , isir accenn ukoll ghad-diversi xhieda illi ingiebu mill-Prosekuzzjoni, liema xhieda kienu d-derubati tal-istess Joseph Meilaq hu u jdur bieb bieb jigbor id-donazzjonijiet ghad-Dar tal-Provvidenza, liema flus kienu ghall-profitt tieghu personali u mhux ghad-Dar tal-Provvidenza. Illi bejn wiehed u iehor xehdu madwar

dsatax-il (19) anzjan u anzjana, liema xehdu **<u>kollha indikaw lil Joseph Meilaq BISS u fl-ebda hin ma semmew illi qatt raw mara mieghu, u ghaldaqstant kollha semmew li kien ragel liebes beritta u kien wahdu!!</u>** Dan kollu jikkombaccja perfettament ukoll mal-fatt, illi meta saru l-ezamijiet tal-impronti, irrizulta fil-pozittiv illi l-impronti kienu jaqblu ma' ta' Joseph Meilaq, u ma kien hemm l-ebda impronti ohrajn fuq id-dokumenti illi gew ezaminati.

Illi tenut dan biss, l-Ewwel Onorabbli Qorti diga' ma kellhiex issib htija fl-esponenti, stante' illi l-ebda prova illi tressqet mill-Prosekuzzjoni ma tefghet ebda dawl fuq l-allegat involviment tal-esponenti fil-kaz odjern, u dan kollu jkompli jsahhah l-argument tal-esponenti illi Joseph Meilaq deffisha fl-istorja kollha sabiex ikun ta' vantagg ghalih u stante' illi kif diga' irrizulta mill-provi prodotti, u kif ser ikompli jirrizulta f' dan ir-rikors ta' appell, tenut kont ukoll tal-karattru refrattarju tal-istess Meilaq.

Filfatt, mis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti jidher bic-car illi l-istess Qorti strahet biss fuq ix-xhied li ta Joseph Meilaq. Illi bid-dovut rispett, ix-xhieda ta' Joseph Meilaq ma tistax tkun prova li l-Qorti ghandha tistrieh fuqha u tikkundanna persuna ghal erba' (4) snin prigunerija, u dan ghal diversi ragunijiet. Qabel xejn, tajjeb illi jigi rilevat illi il-verzjoni li ta Meilaq stess kienet kunfliggenti, u dan stante' illi filli qal li hu kien izomm biss tmien Ewro (€8), imbaghad tenna illi kien ser izomm mitt Ewro (€100) ghalih u fl-ahhar meta saret is-*search* fil-karozza tieghu instab izjed minn hames mitt Ewro (€500) fuqu.

Illi sahansitra, il-fatt wahdu illi kien jirrisjedi f' hafna lukandi, huwa fatt wahdu li jixhed li zgur u mhux forsi ma kienx jzomm tmien Ewro (€8) biss; aktar u aktar meta hu stess stqarr illi kien imur fil-lukandi mill-flus li kien jigbor mid-djar. Barra minn hekk, meta din l-Onorabbli Qorti ser terga' tara l-atti processwali tal-kaz odjern, ser tkompli tinnota kemm Meilaq ma hux persuna affidabbli, tenut kont illi hu stess tenna li kien jaghti flus lill-esponenti, izda sabiex hi taghtih lura *sexual favours.*

Hawhekk, jidher bic-car kemm ma hux minnu l-fatt illi Meilaq kien taht koerzjoni mill-esponenti sabiex jaghmel li ghamel, u dan ghaliex minbarra l-fatt li Meilaq qatt

ma ghamel ebda rapport mal-Pulizija rigward theddid u ingurji fuqu minn Graziella Apap; Meilaq ma gab ebda tip ta' prova illi hu kien taht koerzjoni mill-esponenti sabiex imur jigbor bieb bieb flus ghad-Dar tal-Provvidenza bi profitt ghalih u suppost ghall-esponenti. Illi kif gie stabbilit mill-gurisprudenza nostrana, sabiex ikun hemm koerzjoni, irid ikun hemm forza barranija minn haddiehor, li ma jhallix lill-persuna hielsa.

Fid-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-tlettax (13) ta' Settembru, 2001, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Gauci**, il-Qorti fissret l-elementi ta' din l-iskriminanti b' dan il-mod:

> Sabiex tirnexxi din il-linja ta' difiza, jigi rilevat mal-ewwel li mhux kull tip jew forma ta' forza barranija hija accettata ghall-fini tad-dispost ta' l-imsemmi Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9. Ukoll, sabiex tigi eskluza l-intenzjoni kriminali, iridu necessarjament jikkonkorru r-rekwiziti li ser jigu spjegati issa.
>
> L-ewwel nett, din trid tkun forza barranija gejja minn haddiehor, kif gja' intqal, u trid tkun tali li minhabba fiha bniedem ma jkunx responsabbli ghal dak li jaghmel, trid tkun forza barranija li tinnewtralizza kompletament il-volonta` talbniedem, li twasslu jew ggieghlu jaghmel xi haga kontra l-volonta' tieghu, haga li fin-normalita` tal-hajja ma kienx altrimenti jaghmel.
>
> Fit-tieni lok, trid tkun forza barranija li qed issir fuq bniedem mhux biss qabel ma hu jaghmel dak li jigi mgieghel li jaghmel kontra l-volonta' tieghu, izda trid tkun ezistenti fil-waqt li hu qieghed, effettivament, iwettaq dak leghmil. L-Artikolu kwotat qabel fil-fatt isemmi l-kliem "fil-waqt ta' l-att". Ghalhekk jekk fil-mument li jsir l-att materjali, ma hemmx din il-forza barranija ezistenti, ma jistghax japplika l-Artikolu 33 (b) tal-Kap. 9. F' dak il-kaz mhiex eskluza l-intenzjoni kriminuza.
>
> Fit-tielet lok, din il-forza barranija gejja minn haddiehor, trid tkun wahda irrezistibbli. Dan ifisser mhux biss li dak li jkun ma jfittex jew ma jipprovax li jirrezistiha, mhux biss li dak li jkun ma jaghmilx l-icken sforz biex jehles minn

> dik il-forza barranija biex ma jasalx jaghmel dak li qed jigi sfurzat li jaghmel, izda trid necessarjament tkun forza barranija li bniedem bla ebda mod ma jista' jieqfilha, jirrezistiha, jehles minnha. Trid tkun forza barranija tassew irrezistibbli li bniedem ma jkunx kapaci li jirrezistiha. Dan l-element ta' irrezistibilita' tal-forza barranija, mela, hu element verament essenzjali w ferm importanti. Trid tkun forza barranija, ghalhekk, li bniedem verament ma jistghax jirrezisti, u mhux xi forza li ma jipprovax jirrezisti. Kif jghid il-Professur Mamo, trid tkun forza "truly irresistible and not merely unresisted.

Illi huwa minnu li l-koerzjoni ma kinitx linja difensjonali fil-kaz odjern, izda jekk l-Onorabbli Qorti ser toqghod fuq il-kelma ta' Meilaq BISS, ghandha tezamina dan bir-reqqa stante' illi l-allegazzjoni li ghamel Meilaq trid tigi ippruvatha. Filfatt, tant kemm Meilaq ma kienx taht koerzjoni mill-esponenti, illi la qajjem dik il-linja difensjonali fil-kaz li jikkoncerna lilu, u stqarr hu stess li kien imur jorqod ghand l-esponenti minn jeddu u sahansitra jkun irid illi taqdih sesswalment!

Barra mill-fatt illi l-esponenti, umilment thoss, illli l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghetx issibha hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha *safely and satisfactorily;* l-esponenti tirrileva wkoll li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi l-esponenti kienet il-mohh wara dawn ir-reati u/jew b' xi mod involuta. Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellanta huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre' kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk l-appellanta ser taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li lGudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence ' of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*

Ghalhekk, meta din l-Onorabbli Qorti terga' tezamina l-atti pocesswali tal-kaz odjern, ghandha tinnota illi l-esponenti appellanta ma kellhiex tinstab hatja tal-ebda imputazzjoni migjuba kontra taghha, u dan ghar-ragunijiet appena imsemmija u spjegati.

**B. Piena Erogata**

Illi l-appellanta, qieghda tinterponi dan l-umli appell ukoll fuq il-piena erogata kontra taghha fejn l-appellanta qed tilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti u cioe' dik ta' **erba' (4) snin prigunerija** hija wahda sproporzjonata u eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi.

Illi bid-dovut rispett kollu meta l-Ewwel Onorabbli Qorti giet sabiex tikkunsidra dwar il-piena, hi ma hadet xejn in konsiderazzjoni illi seta' japplika a favur tal-appellanta, b' mod specjali s-*Social Inquiry Report* pozittiv fir-rigward tal-esponenti. Illi fl-umli fehma tal-esponent l-Ewwel Qorti, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita' taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita' , ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi filfatt, l-esponenti setghet inghatat piena alternattiva li ma kinitx tkun tikkonsisti f' piena karcerarja, u dan dejjem f' kaz ta' sejbien ta' htija fil-konfront taghha.

Illi filfatt, l-esponenti hija omm ta' tlett' itfal (3) li ghadhom minuri u ghaldaqstant, jekk tintbghat tiskonta piena karcerarja, kemm il-minuri u kif ukoll l-appellanta innifisha ser ikunu pregudikati. Illi ghaldaqstant, minn dak iz-zmien ' l-hawn ghadda z-zmien li zgur u mhux forsi kellu jigi kkunsidrat fil-piena u kellu jimmilita a favur tal-appellanta.

Il-Qorti u l-gurisprudenza nostrana <u>**DEJJEM**</u> ghalmitna illi l-ewwel haga illi ma ghandha tipprova taghmel il-Qorti, meta tinstab htija, hija li tirriforma lill-hati, u timponi biss piena karcerarja meta ma jkunx hemm toroq alternattivi; <u>**specjalment fil-konfront ta' persuna illi ghadha zghira u li ghad tista' tirriforma hajjitha, u f' kawza sommarja!!**</u>

Illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza <u>**Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri**</u> moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

> Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta' , izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga' , bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser

> jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli (l-appellant f' dal kaz mhux recidiv). B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi ' crime does not pay' . Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero' llum ilkuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba.

Illi inoltre ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Terry Graham</u>**, datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn allavolja l-Qorti sabet htija tal-appellant ghall-akkuza ta' traffikar irriteniet:

> Illi l-fedina penali tal-appellant tindika li l-ahhar darba li hu gie misjub hati f' dawn il-Qrati kien fl-10 ta' Ottubru, 2005 fuq incident, dwar il-pussess ta' droga, li jmur lura ghall-20 ta' April, 2000. Ovjament, hemm dan l-appell li jirrigwarda incident li gara fl-1 ta' Marzu, 2008. Ghalhekk, fuq medda ta' tmien snin dan hu t-tieni kaz li ghandu l-appellant. Illum, l-appellant qed jahdem bi profitt u mix-xhieda ta' l-imghallem tieghu johrog messagg pozittiv li dina l-Qorti ma tistax ma tiehdux in konsiderazzjoni. Jekk verament irridu r-riforma ta' bniedem li hu mahkuma mill-vizzju tad-droga t-triq li tghaddi mill-habs ma tizra ebda riforma fih. Irridu nkunu ta' idejat

> wiesghin u nghinu, f' dan il-kaz lill-appellant, biex dawn in-nies jistghu jiehdu posthom fissocjeta' u ma jigux konsiderati bhala theddida lis-socjeta' . Dan li qed jinghad diga' ntqal minn din il-Qorti diversament presjeduta meta ndikat ' a window of opportunity' . L-appellant sabha fix-xoghol. Din il Qorti tittama li l-fiducja li qed taghti lill-appellant jissarraf pozittivament.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell tal-appellant Terry Graham u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, din il-Qorti thassar u tirrevoka l-piena erogata minn din il-Qorti fejn ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' tmintax il-xahar prigunerija u multa ta' elf u mitt euro (€1,100) u minflok wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Fis-sentenza fl-ismijiet ta' **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina**, deciza mil-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008) il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla.

> Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli**, li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga... u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b' mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin**… **li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv**… Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe' ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b' success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita' sabiex jirriforma ruhu u jaqbad**

**definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b' success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja familjari wkoll pjuttost stabbli.**

Fis-sentenza, **Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk:

> Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b' applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat probation jew conditional discharge ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista' , jew li m' ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata probation jew conditional discharge jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446.

F' dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Farrugia:**

> "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f' dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tassnin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l- Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija talkundanni, pero`, jinvolvu multi u habs…"Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat

> Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. **Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.**

Illi decizjonijiet izjed ricenti, ikomplu jishqu fuq l-importanza tal-aspett riformattiv, aktar u aktar meta persuna tkun diga' irrijabilitat ruhha matul il-kors tal-procedura, u cioe' nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju, 2018, il-Qorti tal-Appelli Kriminali, fl-appell bl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nathan Cooper,** tenniet is-segwenti:

> Illi b' eccezzjoni ghall-principju li din il-Qorti normalment ma tiddisturbax id-diskrezzjoni fdata f' idejn il-Qorti tal-ewwel grad, hemm l-hekk imsejha window of opportunity li l-Qrati taghna gharfu jisfruttaw f' sitwazzjonijiet fejn konferma ta' piena karcerarja tista' ma tkunx fl-ahjar interess sia tal-imputat kif ukoll tas-socjeta' meta l-imputat jipprezenta ruhu bhala bniedem riformat jew almenu miexi sewwa f' dik id-direzzjoni bil-prospettiva li jerga' jsir cittadin denju u affidabbli fis-socjeta' . Jidher li dan huwa wiehed minn dawk il-kazijiet fejn ghandha tkun applikata din l-eccezzjoni. Tal-istess fehma hu ukoll l-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet tieghu. Huwa fl-interess tal-appellant li l-Qorti tkun konvinta li dan il-kambjament ma huwiex wiehed ta' konvenjenza u li fl-ahhar mill-ahhar ma jkun qed iqarraq b' hadd hlief bih inniffsu jekk dan mhux il-kaz. Il-Qorti ser taghti din l-opportunita' lill-imputat biex ikompli fit-triq it-tajba;

Simili tad-decizjoni appena citata, il-Qorti tal-Appelli Kriminali, kienet diga' ppronunzjat ruhha f' dan is-sens fl-appell fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Roderick Tabone,** deciz fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn il-Qorti kienet tenniet illi:

> [...] l-appellant ressaq xhieda biex juri li fil-mori tal-appell huwa ta widen ghas-sejha ghar-riforma tieghu. Din il-Qorti semghet lill-Probation Officer, l-istess wahda li sentejn qabel irrakomandat piena karcerarja bhala l-unika

soluzzjoni ghall-attitudini raffrettarja tal-appellant. Il-lum ilgurnata, sentejn wara l-ghoti tas-sentenza appellata, lappellant huwa bniedem mibdul. L-ufficcjal tal-probation ilha ssegwi lill-appellant mis-sena 2013 u hemm kambjament notevoli fih: ghandu xoghol regolari u jahdem sieghat twal u huwa afdat mill-employer tieghu; volontarjament ghamel programm ghar-riabilitazzjoni b' success u qieghed ukoll jattendi programm iehor ta' filghaxija b' mod volontarju; huwa regolari fl-appuntamenti mal-Probation Officer tieghu; huwa nadif mid-droga; qieghed f' relazzjoni stabbli ghandu tarbija u qed jistenna ohra u finalment il-Probation Officer hija kuntenta hafna bil-progess tieghu;

Rapprezentant tal-Caritas ikkonferma l-progress registrat mill-appellant bid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti;

Huwa principju affermat illi ma huwiex normali li din ilQorti, qua Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba ddiskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni talpiena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata (Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza IrRepubblika ta' Malta vs ommisis u Noel Frendo 3.12.2015). Tajjeb ukoll, izda, ghal kwadru komplet ta' din ilkunsiderazzjoni, li ssir referenza ghall-dak li l-Qrati taghna sejhulu a window of opportunity f' kawzi fejn il-piena kienet mibdula ghal wahda aktar miti f' cirkostanzi fejn kien muri li l-imputat jew l-appellant ghamel progress fil-hajja tieghu u wera sinjali cari ta' allontanament mill-hajja refrattarja tieghu (ara per ezemplari s-sentenza Il-Pulizija vs Nathalie Felice App Krim 4.12.2014);

Illi ghaldaqstant, l-esponenti umilment tissottometti illi l-piena erogata fil-konfront taghha hija wahda eccessiva u sproporzjonata, iktar u iktar meta l-Qrati taghna taw cans u diversi opportunitajiet ohra lil persuni illi kellhom fedina penali kkulurita u

kienu sahansitra recedivi, b' mod specjali lil persuni li diga' jkunu irriabilitaw ruhhom.

Illi finalment, l-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti ukoll, sabiex matul is-smiegh tal-appell taghha, l-esponenti ikollha l-opportunita' illi terga' tharrek lill-Ufficjal tal-*Probation* illi hejjiet is-*Social Inquiry Report* quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, sabiex din l-istess ufficjal tal-Probation taghti *updated* tal-hajja tal-esponenti.

Rat il-fedina aggornata tal-appellanta.

Ikkunsidrat;

Illi fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) il-prosekuzzjoni esebiet il-fedina penali ta' Joseph Meilaq u tal-appellanta Graziella Apap, estratt mic-certifikat tat-twelid ta' Joseph Meilaq u ta' Graziella Apap kif ukoll il-karta tal-identita' ta' Joseph Meilaq u ta' Graziella Apap.

L-**Ispettur Jonathan Ferris** xehed fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) li spjega li l-kaz jirrigwarda li persuna jew persuni li kienu qeghdin jigbru bieb bieb ghan-nom tad-Dar tal-Provvidenza. Spjega li bdew dehlin ammont kbir ta' rapporti mill-Ghasses, bejn wiehed u iehor erbgha u tletin (34) rapport. Spjega li kien qed imur persuna u kien hemm f'okkazzjoni wahda fejn zewg persuni li huma identifikati bhala koppja ragel u mara fejn il-modus operandi kien qed ikun li l-main targets kienu nies ta' certa' eta' anzjana minn sebghin (70) sena 'l fuq fejn mill-kors tal-investigazzjoni rrizulta li r-ragel li wara gie identifikat bl-isem ta' Joseph Meilaq li huwa gharaf fl-awla kien imur ihabbat lil dawn in-nies, jinfurmahom illi kienu rebhu voucher jew lotterija minghand id-Dar tal-Provvidenza izda sabiex jinghatalhom dan il-voucher huma kienu riedu jaghmlu donation lid-Dar tal-Provvidenza. L-ammonti ivarjaw izda kienet generalment tintalab is-somma ta' mitejn ewro (€200) pero' il-Maltin huma generuzi u generalment kienu jaghtu hafna iktar. Min kien jaghti inqas minn mitejn ewro (€200) kien jghidilhom 'issa nghaddi ghal hamsin ewro (€50) l-ohra l-ghada. Ovjament l-ghada ma kienx imur. Ghaliex il-prassi kienet bdiet tindara, il-kelma kienet bbdiet tigri u s-Sur Meilaq u l-komplici

tieghu kienu qed jaghzlu '*a more fertile grounds*'. Jigifieri fil-bidu dawn kienu qeghdin jigu targetjati l-area ta' tas-Sliema u l-inhawi. Hin minnhom lejn is-South, l-area tal-Kottonera, Hal-Tarxien mbaghad Hal-Qormi. Hin minnhom anke r-Rabat, Ghawdex li huwa fatt verifikat kemm mir-rapport kif ukoll waqt tfittxija li ghamel fil-karozza tas-Sur Meilaq sab anke l-biljett tal-Gozo Channel jaqbel bid-data b'kollox ta' meta telgha Ghawdex. Xehed li l-ufficju tieghu kien gie nkarigat mill-ghola ufficjali tal-Korp sabiex jassisti lid-Distrett sussegwentement imexxi l-investigazzjoni. Fuq ordni tieghu kien tella wara li kienu qeghdin jigru CCTVs u jipprovaw jidentifikaw il-persuna mir-ritratti li kienu qeghdin jittiehdu mill-forensika, jghid li '*I singled out lil Joseph Meilaq bhala l-main suspect.*' Jghid li ta' ordnijiet lin-nies tieghu sabiex itellghuh fuq il-*wanted list*. Ir-rapporti komplew dehlin b'sahha kbira lejn Settembru u l' bidu ta' Ottubru pero' kien hemm zblokk fl-investigazjoni ghaliex certa persuni, vittmi kienu qeghdin jaghrfu meta konna qeghdin nuru sett ta' sitt (6) jew seba' (7) ritratti, bdew jindikaw ir-ritratt ta' Joseph Meilaq,. It-tfittxija ghas-Sur Meilaq kienet qed tkun iktar intensiva pero' qatt ma tat rizultati pozittivi.

Is-Sibt tmienja (8) ta' Mejju inzerta qieghed Ghassa fejn ghal-habta tat-tmienja u nofs ta' filghaxija irceva telefonata li disgha u disghin fil-mija (99%) kienu lemhu lis-Sur Joseph Meilaq fil-kumpannija ta' tfajla li mhijiex it-tfajla li qieghda ma gembu li kien qieghed jiekol Chinese minn go restaurant Birzebbugia. Ghalhekk ikkordina u nizzel zewg karozzi tal-RIU fl-area. L-Ispettur dak il-hin kien qieghed mal-familja tieghu Bugibba u nizzel karozza mill-area ta' Bugibba sabiex jinzel fuq il-post. Is-Sur Meilaq gie identifikat u arrestat fil-kumpanija ta' certu wahda Antonella Farrugia. Mal-mument tal-arrest saret tfittxija minn WPC 347 Jane Muscat mil-Ghassa ta' Birzebbuga fuq it-tfajla filwaqt illi s-search fuq il-persuna tas-Sur Meilaq li giet effetwata minn PC 538 u PC454 tal-RIU. Il-hin tal-arrest kien id-disgha ta' filghaxija (9:00pm). L-arrest sar mis-Surgent PS 1050 u minn PC 406 u minn PC 770 tal-RIU. Malli nfurmawh li kienu arrestaw lis-Sur Meilaq kien ta' struzzjonijiet sabiex is-Sur Meilaq li kienet fuq il-kumpanija tieghu jittiehdu l-ghassa ta' Birzebbugia sabiex jigu registrati u dan sabiex ikun hemm *traceability* taghhom. L-Ispettur gie eskortat mill-Qawra lejn Bugibba. Meta niezel l-Ghassa ta' Birzebbugia ghalkemm ivverifika li s-Sur Meilaq u s-Sinjorina Farrugia kienu moghtija drittijiet taghhom, hu rega' taghhom id-drittijiet kollha taghhom u wissiehom li dak kollu li se jghidu jista'

jingieb bi prova. Xehed li '*Is-Sur Meilaq mill-ewwel kien avvicinani, qalli isma' Sir qali isbah mill-verita' m'hawnx qalli u jiena lest illi nikkopera mieghek. Minn tfittxija li jien ghamilt fil-wallet tas-Sur Meilaq irrizulta li kellu somma ta' iktar minn €470 in cash u meta staqsejtu jekk dawn humiex gejjin mill-gbir tad-Dar tal-Provvidenza is-Sur Meilaq ghogbu jghidli iva pero' mhux kollha ghaliex skond hu kellu €170 minnhom li kien tahomlu missieru li kienu tieghu. Dawn l-€470 flimkien maz-zewg mobiles tas-Sur Meilaq qeghdin maghluqin fl-evidence bag Sinjura*' Il-Qorti kkummentat li qeghdin f'borza siggilata bhala dok JF 1.. L-Ispettur qal li nharget ircevuta taghhom li kopja nghatat li-Sur Meilaq. Wara li kellem lis-Sur Meilaq fl-Ghassa ta' Birzebbugia halla lil Antonella Farrugia l-Ghassa skortata mill-Pulizija WPC 347 U s-Sur Meilaq flimkien mal-Pulizija li kienu qed jiskortaw lilu 450 u 1039 flimkien ma' PC538 u PC 454 marru fejn il-vettura tas-Sur Meilaq tat-tip Skoda Favorit ta' kulur ahmar li hu stess indikalhom li kienet iparkjatha fejn il-Klabb tal-Bocci Birzebbugia. Waqt tfittxija li saret elevaw diversi oggetti marbutin mar-reat li kien qed isehh. Is-Sur Meilaq ma kienx qieghed jinstab ghax kien qieghed jirrisjedi f'diversi hotels. Mistoqsi minn fejn kien qieghed igib il-flus biex jirrisjedi f'hotels fosthom l-Oriana li hija t-Topaz, ta' San Pawl Hotel, Mavina Holidy Complex, kollha bed and breakfast, minn self-catering u min half-board basis. Qal li kien qieghed '*jiffinanzja dawn l-istays ha nghidulhom hekk bil-flus li kien qed jigbor ghan-nom tad-Dar tal-Provvidenza.*' Fil-hotel ma kienx qieghed jirrisjedi wahdu izda minn dak kollu li qalilhom is-Sur Meilaq fl-istatement kien qieghed jirrisjedi fil-weekends ma' Graziella Apap. L-ircevuti tal-lukandi gew immarkati bhala dok JF 2. Mill-vettura gew elevati ukoll zewg notebooks tal-Hotels, wiehed tad-Dolmen u l-iehor tat-Topaz Hotel fejn fuqhom kien hemm '*Per ezempju ghandek Joseph Meilaq €100 6 t'Ottubru, 7 t'Ottubru Joseph Meilaq €100, 8 t'Ottubru Joseph Meilaq €100. Dan qed naghmel referenza ghalih fin-notebook tad-Dolmen*'. Dan gie esebit bhala dok JF 3. Jghid li fin-notebook tat-Topaz Hotel hemm tahziz bil-lapes u fosthom l-ammont ta' €5000 fejn tnejn minnhom hemm miktub Graziella. Dan gie imarkat bhal Dok JF4.

Xehed li is-Sur Meilaq kien ghadu ma tkellem xejn fuq Graziella. Wara it-tfittxija mill-karozza gie s-Sur Meilaq flimkien ma' Farrugia. Mill-karozza elevaw diaries u arlogg bla cinga. Dan gie esebit bhala Dok JF5. Mill-karozza elevaw ukoll diary, receipt book u dik li nsejhulha agenda telefonika fejn hemm in-numri fejn waqt l-

investigazzjoni filghaxija sab per ezempju rcevuti Joseph Meilaq €200. Xehed li uhud mill-ircevuti m'huwiex self-carbonazied imma huma tal-carbon paper huma maqtughin. Xehed li jekk wiehed jaghmel analizi semplici jaqbad il-karta u jaghmilha kontra d-dawl isib aktar kitbiet, xehed li ezempju wahda immarkata 007 hemm ammont ta €7000 fuqha. Xehed li hemm ammont iehor fuq in-numru 2 fejn hemm carbon paper €200. Hemm numru 20 huwa €200. Dan gie esebit bhala Dok JF6. Spjega li '*Id-diary li jiena ukoll ghamilt referenza ghalih Sinjura fuq diversi faccati minnhom id-diary for your information jibda minn 28 January 1999. Jigifieri dan Diary antik u sfuljat. Hawn ammonti u firem u dati. Kollha jekk tqabbel id-dati mad-dati tar-rapporti kollha jaqblu mal-ammonti li s-Sinjur kien gabar*'. Dan gie mmarkat bhala Dok JF7. Spjega ukoll li mill-agenda telefonika li eleva hemm hafna ismijiet ta' nies u cifri li jaghmlu sens man-numru ta' rapporti. Spjega li '*Jekk inti taqbad faccata minnhom li tigi taht l-ittra S lejn l-ahhar taghha issib anke firem ta' xi hadd Somerville ghal wahda tnejn u ammont. Is-Sur Somervile jew is-Sinjura Somerville huwa complainant f'wiehed minn dawn ir-rapporti fost ohrajn. Ghax dana hawn hafna iktar. Hawn l-Agenda mimlija b'id cards, ammonti u ismijiet tal-vittmi ha nghidulhom hekk*'. Dan gie mmarkat bhala Dok JF 8. Spjega li '*Il-vittmi tal-flus li jinghataw kienu qed jinghataw ircevuti suppost mahruga mid-dar tal-Provvidenza illi meta jiena kont baghat ghal Fr Martin Micallef li huwa d-Direttur tad-Dar tal-Provvidenza u urejtu ghax ahna ovvjament konna qeghdin nigbru dawn it-tip ta' rcevuti minghand il-complainants meta urejtu din it-tip ta' rcevua li qed tinghata hu kien qalli illi dika m' hijiex ircevuta xejn. Qalli l-ewwelnett qalli d-dar tal-Provvidenza ma tigborx bieb bieb imma min irid imur jaghti d-donation hemmhekk jew inkella jaghmilha meta jkun hawn dawn il-maratoni via telephone jew inkella via money order jew through the Bank. Qalli dik il-karta li qed turini hija karta illi jircevuha meta jircievu dawn id-Diaries.*'

Spjega li mit-tfitxxija li ghamel fil-karozza tas-Sur Meilaq huwa eleva dawn l-ircevuti li kellhom '*data ta' €500 u l-amont tal-€5000.*' Spjega li dawk li qieghed jesebixxi jaqblu perfettament ma' dawk li ghandhom f'idejhom il-vittmi, jghid li hawn 3 hawnhekk. L-ircevuta kienet qed tinghata f'dawn it-tip ta' envelopes li jidhru bhala DOk JF 9. Mill-karozza tas-sur Meilaq eleva r-release mill-habs datata t-13 ta' Novembru 2013. Jghid li l-'*modo superandi kien l-istess ukoll.*' u li sena to date ghamel relapse u li din giet immarkata bhala Dok JF 10. Fil-karozza kien hemm ammont ta' hwejjeg u basktijiet fejn sab il-passaport tas-Sur Meilaq mhux uzat li gie esebit bhala Dok JF 11.

Wara tfittxija li ghamlu fit-Topaz, tas-Sliema s-Sur Meilaq kien ghazel li jikkonsulta mal-Avukat tal-fiducja tieghu u kienu saru xis-siegha u nofs ta' filghodu bejn is-Sibt ghal Hadd, mit-8 ghad-9 ta' Novembru. Kien informa lil Magistrat tal-Ghassa Dr. Aaron Bugeja li persuna kienet arrestata u li ha jiskorru s-sitt sieghat u kien tah permess. Antonella Farrugia kienet ghada qed tigi mizmuma u peress li ma kien sab xejn ftiehem mal-Magistrat Aaron bugeja li kien il-Magistrat tal-Ghassa li s-Sinjura Farrugia tigi released on police bail u l-ghada filghodu terga' fid-9 ta' filghodu tigi l-ufficju tieghu biex ikompli l-investigazzjoni. Xehed li hekk gara u l-ghada baghat ghal Farrugia fejn qaltlu li kienet ghada kem tiltaqa mas-Sur Meilaq, li iltaqghu permezz ta' parentela ghax ghandhom '*common friend*' u ftehmu li johorgu s-Sibt. Qaltlu li ghadda ghaliha fejn tal-Pastizzi Bormla, qalet li kien ta' spiss fuq il-mobile ma certu wahda 'Gra'. Biex marru Birzebugia, spicca jdur go Wied il-Ghajn u goz-Zejtun mbaghad spiccaw Birzebbuga minn fejn gew arrestat. Xehed li '*at one pont is-Sinjura Farrugia semghet lil dan Joseph Meilaq jghidilha jiena ghandi l-€100 lesta ghalik.*' Hadilha stqarrija fid-9 ta' Novembru fl-10:15am ntemmet fil-11:25am u ma kellux ghalfejn izommha aktar u rrilaxxa. Spjega li '*Jiena fuq domanda specifika li kont ghamilt lis-Sinjura Farrugia kont saqsejtha hekk, is-Sur Meilaq qatt semmielek xi problema li kien ghaddej minnhom bhal issa ? Iva Joseph il-bierah beda jsemmi li ghandu Gharusa u li din qed titradih avvolja jaghtiha €100 skond kliemu. Naf li waqt it-telefonati li kellu ma' din il-persuna ahna u nduru bil-karozza dan semma li ghandu €100 lesta ghaliha u li hi ma tiflahx u li kienet se jghaddihielha nhar it-Tnejn. Domanda ohra li jien ghamiltilha biex nissustanzja dak li jiena semmejt qabel, inti din il-persuna li maghha kien qed jitkellem Joseph taf tghidli x jisimha ? U din wegbitni i naf hu li beda jghajtilha bl-isem ta' Gra.*'

Wara kien tella lis-Sur Joseph Meilaq biex ikellmu ftit u ma jpoggu xejn bil-kitba ghalissa. Huwa kkopera bi shih. Spjega li '*beda jghidli ehe hu kien qed imur jigbor u jhabbat bieb bieb. Fuq domanda tieghi meta saqsejtu kif kien jaghzel lil vittmi qalli dana mhux jien kont naghzilhom. Qalli imma jiena kont qieghed nigi mgieghel. Meta jiena ghamiltlu d-domanda specifika isma' inti min kien qieghed igeghlek dan semmieli l-isem ta' Graziella Apap. Dak il-hin jiena qbadt, rajt li kien qieghed kosistenti u li qed jghidli l-verita' Ghamilt mandat ta' arrest. Dakinhar kienet il-Magistrat Consuelo Scerri Herrera. Baghat in-nies tieghi, iffirmajt il-mandat u tard wara nofsinhar jiena kont arrestajt lil din Graziella Apap.*'

Kompla jispjega li '*Dan Joseph beda jghidli li hu kien qieghed jigi sfruttata illi l-postijiet kien jaghzilhom daqqa hu u daqqa taghzilhom dina Graziella. U kien qalli li hu kien komdu ghaliex hu kien qieghed jahdem full time u part time ma' ta' l-iscammel u b'kollox kien jaqla' €1200 li minna pero' trid tinqata t-Taxxa u l-Bolla. Hu kien qalli li bejn is-7:30am u nofsinhar kien jiehu hsieb jigbor l-iskart gewwa H'Attard u li bejn is-13:00pm u l-10:00pm hu kien imur jigbor l-iskart miz-zona ta' Tas-Sliema. Huwa kien qalli ukoll li bhala dar fissa m'ghandux imma kien jghix ma' Zijuh li jigi u li jghix ukoll ma' ommu fl-istess dar. Huwa kien qalli li kien jahdem ma' certu Mario Vella. U jiena dana nikkonfermah ghaliex is-Sur Vella jiena kont baghat ghalih ukoll l-Ufficju sabiex nivverifika dak kollu li kien qed jghidli s-Sur Meilaq. Meta jiena ghamiltlu domanda diretta ghala wasalt f' dan il-punt li tmur tabbuza bl-isem tad-Dar tal-Provvidenza dan kien qalli, Wegibni hekk, ha naqraha ezatt: Habba Graziella Apap ghax din dejjem riedet il-flus u kienet tghidi li bix-xoghol ma ggibx bizzejjed flus. Meta saqsejtu xi kemm kien jghaddilha flus lis-Sinjura Apap hu kien qalli li hi kienet tkun trid €100. Hu qalli li kien hemm drabi fejn il-€100 m'ghaddihomliex, fejn kien hemm drabi li refghet idejjha fuqu sa kisritlu l-arlogg u jien ghaldaqsant ghalhekk esebejt dak l-arlogg. Meta jien saqsejtu ghala x'waslu biex ma jaghmilx rapport l-Ghassa li dan qed terfa' idejh fuqu hu kien reluctant li jaghmel rapport. Kien qalli li din is-Sinjura Apap li sa dan il-hin jiena ma kontx ghadni jigifieri arrestatju, ma kontx ghadni baghat ghaliha, kien qalli li din ghandha 3 itfal, li t-3 itfal ma jinstabux fil-kura u l-kustodja taghha imma bhal issa qeghdin l-Appogg. U dejjem kien jghidli jiena nhobbha u lest li anke nrabbi dawn it-tfal allavolja ma kienux tieghu. Hu kien qalli ukoll din Graziella ghax jien kont ghidtlu, meta inti ma kontx tmur ghax-xoghol, ghax dan ghamel perjodu ma kienx qed imur ghax-xoghol sabiex tmur ghand Graziella minn fejn kont qed iggib il-flus ? U din hija mportanti din id-domandi. Huwa kien qalli hekk, nippreciza li kull ma kont inkun ghand Graziella kien ikun madwar 3 sighat fil-gurnata, generalment filghaxija. Wara li nkun tajtha l-flus tkeccini bl-iskuza li jkun gej il-boyfriend taghha li huwa Gharbi. Meta kont spiccajt bal flus jien sabiex nibqa' naghti lil Graziella dawn il-€100 kuljum kont spiccajt nisraq lin-nies bl-iskuza li nigbor ghad-Dar tal-Provvidenza. Nerga' nghidlek li Graziella kienet tisfurzani sabiex naghtiha l-flus ta' kuljum. Saqsejtu domanda partikolari, kif kont taghmel biex tikkonvinci lin-nies li inti qed tigbor ghan-nom tan-nies tal-Provvidenza ? Hemmhekk is-Sur Meilaq tbissimli qalli Sir qalli mhux kemm inkun naqra edukat. Dana qed naqra jigifieri mill-iStatement tieghu. Jiena in the meantime saqsejtu ukoll taf jekk inxtarawx xi affarijiet b'dawn il-flus, ma jistax ikun li nfaqthom kollha fil-Hotels u huwa kien qalli jiena l-flus kont naghtihom, kienet tohodhomli*

*propjament Graziella Apap kollha. Ghandu xprti kien jifdalli €8 kuljum b'kollox. Nghid li b'dawn il-flus Graziella xtrat ghamara minghand Vella tal-Hamrun, statwa ta' tigri, Play station, zewg LCD televisions wiehed minnhom 50 inch u l-iehor 32 inch u l-kumplament kienet tfaddallhom fil-kont tal-bank.'* Huwa esebixxa l-ewwel u t-tieni stqarrija tas-Sur Meilaq bhala Dok JF 12 u JF 13.

Xehed li mar ma' PS 856 u PC 1600 u ltaqa mas-Sinjura Graziella fejn kellimha u nfurmaha li ghandu mandat ta' arrest mahrug ghaliha. Is-Surgent kien qallu biex ikun mohhu hemm ghax qieghda tirrekordjah u kien hadilha l-mobile u kien '*one the record mode*' u qalet li laqtet il-buttina bi zball. Kien taghha l-mandat ta' arrest awtorizat mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera u sussegwentement telghu fl-appartament taghha u malli fetah l-bieb lemah iz-zewg tigri u l-ghamara li ghandu ritratti taghha li kollha ghada relattivament gdida. Jghid li uhud minnhom hemm anke t-tabelli. Kien ra 50 inch television li kien ghadu bix-shrink wrap mal-frame ta' wara biex ma jingirifx u affarijiet ohrajn. Graziella Apap ma kienet xejn koperattiva maghhom. Kemm il-darba kellmitu hazin, qaltlu li qieghda go darha u hu qalilha li bis-sahha tal-mandat ghandu dritt jaghmel perkwizizzjoni ghax il-mandat kien ta' tfittxija u arrest. Bdiet tghid li mhux vera dawk l-affarijiet ilhom ghandhom, li huma ta' sid il-post meta l-post huwa tal-housing. Sabu anke ircevuti li jaqblu mad-deskrizzjoni li l-ghamara inxtrat xi 15 il-gurnata qabel. Minn investigazzjoni li nkun qed immexxi jirrizulta li s-Sinjur Apap kienet tghix fuq beneficcji socjali u li skond l-ETC ma kinitx qieghda tahdem. Minn dak li qal is-Sur Meilaq u li ikkonfermat hi stess kienet tmur taghmel xi massage u qaltlu li dak huwa l-couch tal-massage li tuza. Kienet taghmel xi xaghar u li ghandha xi courses tal-massage u hairdressers. Spjega li '*Punt interessanti lis-Sur Meilaq qalli, qalli jiena kemm -il darba wissejtha isma' dawn l-affarijiet ma jsirux, jekk ghandek taghmel il-flus taghmilhom bis-sewwa u mhux tmur taghmel dawn il-pastazati.*' Wara tfittxija li saret fl-appartament tas-Sinjura Apap minn fejn hu eleva minn fuq il-persuna taghha Samsung S3 li ghamel referenza ghalih li kienet qieghda tipprova tirrekordjah bih. Dan gie esebit bhala Dok JF14. Mir-residenza taghha eleva zewg ircevuti tad-Dar tal-Providenza bhal ma eleva minghand is-Sur Meilaq mill-karozza tieghu. Dawn gew esebit bhala Dok JF 15. Is-Sinjura Apap kienet qed tghix fuq beneficcji socjali b'mod specjali tal-unemployment

ghaliex sab zewg cekkijiet mahrugin mis-sigurta' socjali apparti ricerka li ghamel mal-ETC bhala Dok JF 16.

Xehed li karta interessanti li eleva minn kexxun tal-filing trays kien hemm karta fejn '*Fuqha hawn miktub illum €100 naraw il-kcina, ghada l-Erbgha TV LCD. Tghid tigi €100 l-gimgha d-diehla?* [2] *Il-Hamis €100, Gimgha €200. Dawn kienu kollha relatati ma' dawn il-kazijiet*'. Din giet esebita u mmarkata bhala Dok JF 17. Ikkonferma ukoll li s-Sinjura kienet taghmel messaggi ghaliex '*il-massages ha nghidulhom hekk sibtilha bicca karta jiena fejn hawn miktub Joseph fl-ghaxra ghada Rahal Gdid massage relaxation half an hour €20.*' Bhala Dok JF18. Sab ircevuti ta' Vella 33 ta' tlett fanali bhala Dok JF 19. Huwa eleva mill-appartament tas-Sinjura Apap karta minn notebook tat-Topaz Hotel li hemm miktub €150 sound digital zone, €369 Hert, relatata ma televisions li kienu qeghdin jigu mixtrija. Din giet immarkata bhala Dok JF20. Sab ukoll ircevuta ghal ammont kumplessiv ta' €650 minghand Dallas 2000 li hija mejda tal-fjuri li eleva mill-appartament tas-Sinjura Apap immarkata bhala Do JF21 u li ha jipprezenta formalment forma ta' ritratt. Elevaw ukoll minghand is-Sinjura Apap tablet jew ipad li Joseph qal li xtara hu. Spjega li '*jiena meta saqsejtu ghidtlu inti dawn it-televsions u dawn l-affarijiet li allegajt fl-ewwel statement tieghek li kienet qed tixtri s-Sinjura Apap dawn ghandek xi garanziji fuq ismek jew inkella kont qed, l-ircevuti kienu ghandek u hu qalli t-televisions le qalli pero; t-tablet qalli iva qalli dak qieghed fuq ismi. U fil-verita' il-physical tablet instab fl-appartament tas-Sinjura Apap u nstabet ukoll l-ircevuta li taghmel referenza ghalih u hawn l-ircevuta ta' Joseph Meilaq. Jigifieri hemmhekk is-Sur Meilaq tani nformazzjoni korretta*'. Din giet esebita bhala Dok JF 22. Il-waranty u l-ircevuta tat-television tal-50 inch kif ukoll tat-32 inch li gew immarkati bhala Dok JF23 u JF24. It-32 inch inxtara minghand it-Top Choice datat it-2 ta' Ottubru ghal €459 filwaqt li l-50 inch inxtara minghnd Sat Hobby li jinsab San Pawl il-Bahar ghal €229. Sab ukoll ircevuti ta' Louis Jewellery u S Debono Jewellery li s-Sur Meilaq kien qal li kien ta xi deposits fuq xi cappetta ghan-nom tas-Sinjura Apap ghand Louis pero' dawn qatt ma ngabru filwaqt li minghand Debono xtraw xi affarijiet li huma coded li ma sabx fl-appartament tas-Sinjura Apap jew ma gewx indikati lilu waqt it-tfittxija. Dawn gew immarkati bhala JF25, JF26 u JF27. Is-Sinjura Apap kienet qieghda tfittex certu xoghol

[2] JF17 a fol 70 skont ma qrat din il-Qorti jirrizultaw numru ta' notamenti differenti fosthom '*Tigri - l-gimgha d-diehla*' filwaqt li din il-parti tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispettur Ferris taqra '*Tghid tigi €100 l-gimgha d-diehla ?*'

ghax sab CV datata 21 ta' Settembru, 2014 lil kumpanija K-Optics. Din giet immarkata bhala Dok JF28. Spjega li fl-appartament Fresia, Flat 4 jew Flat 5, Triq Santa Margerita marru darbtejn, l-ewwel darba meta arrestaw lis-Sinjura Apap ghamlulha tfittxija ghal ircevuti u minn hemm hekk marru l-Kwartieri Generali tal-pulizija fejn iddecieda li jsir konfront bejn iz-zewg partijiet. Spjega li ghadu jiftakar l-espressjoni mwerwra tas-Sur Meilaq meta qallu li se jsir konfront bejniethom. Qallu li dik terfa jdejh fuqu '*ghidtlu ejja Guz ghidtlu ma nghagbuhomx. Qalli Sir qalli inti ma temminiex. Morna fil-conference room li hija kamra naqra ikbar. Hemmhekk kont akkumpanjat minn Surgent mara u 3 Pulizija rgiel ohra. Hin minnhom kif dahlet is-Sinjura Apap go din il-Conference room u lemhet lis-Sur Meilaq beda jinstema balla daghha u kliem hazin. Qabdet is-siggu tal-conference room u li ma zammewiex zewg Surgenti kienet taqsmu fuqu.*' Qallilha li missha tisthi qieghda fil-prezenza ta' Spettur u corma nies mid-Depot. Gew nies minn ufficini ohra jaraw x'inhu jigri fosthom l-Ispettur Anna Marie Xuereb. L-attegjament tas-Sinjura Apap kien ostili ghall-ahhar kemm fil-konfront tieghu, lejn pulizija l-ohra u l-iktar fil-konfront tas-Sur Meilaq. Wara l-konfront li sar iddeciedha li jerga jnizzel lis-Sur Meilaq isfel.

Fil-konfront hareg li Graziella Apap kienet tiftahlu kuljum lil Joseph Meilaq ghaliex kien idejjaqha joqghod ihabtilha mal-bieb mentri fl-verita kien staqseiha jekk idejqek il-bieb ta' barra huwa maghluq ghalfejn tifthu '*F'dak il-pront is-Sur Meilaq Wegibni qalli Sir qalli dika kienet tiftahli halli jiena ntiha l-flus. fuq domanda fil-konfront li saret minn naha tieghi ghal x'hix hu kien itiha dawn il-flus hu kien qalli, qalli dana kien for some sexual favours. Xen kbir pero' for some sexual favours. Is-Sinjura Apap iddeciediet li lili ma tkellimniex dak il-hin. Pero' dan kollu gie konfermat l-ghada. Dana jirriizulta li darba f'mitt qamar kienet ittih ftit pjacir lis-Sur Meilaq xejn kbir pero' ghalhhekk kien jaghti dawn il-€100 kuljum lis-Sinjura Apap. Ghal bidu nghid il-verita' illi hassejtha u rajtha naqra stramba pero'meta wiehed jara l-fedina penali tas-Sinjura Apap tasal ghal certu konkluzjonijiet ukoll Aktar tard filghaxija jiena kont flimkien ma' PC 1600, PS 856 u Pulizija mara ohra Claire Casha nsejt in-numru taghha Surgent ergajna morna fl-appartament tas-Sinjura Apap fejn elevajna din l-imbierka ghamara u ornamenti li jiena ha nipprezenta formalment f'forma ta' ritratti.*' Ir-ritratt tat-tablet gie esebit bhala Dok JF29, ritratti ta' sottospekio u inkwantru gew prezentati bhala Dok JF 30, 31 u 32. L-Ispettur irrefera ghal fjura u

ghal hgiega. Gew prezentati ritratti ta' kaxxa ta' 50 inch television u television ta' 32 inch. Gew prezentati ukoll ritratti tal-istatwi tat-tigri.

Spjega li dak il-hin huma u jelevaw kellu l-karozza tieghu li ma wesghatux biex jigbor dawk l-affarijiet kollha allura kellu jcempel ghal van. Huma u jelevaw dawn l-affarijiet rega kellu konfront, kemm xejn battibekk jahraq mas-Sinjura Apap ghaliex bdiet tghid li dawk l-affarijiet ilhom ghandha, huma ta sid il-kera meta il-post huwa tal-housing. Bdiet tghid li mhxu vera mixtrijin ricentement. Meta qabad wahda minn dawn it-tigri beda jaqa l-jablo minnha u qalet li dawk ilhom hemm. Spjega '*jien ghidtilha tahthom huwa nadif, kif ghollejtha waqa*' *l-jablo deduzzjoni plus l-ircevua li kienet mixtrija xi hmistax qabel.*' Ra lis-Sinjura Apap ghajjiena u taghha l-mistrieh taghha d-Depot, jghid li x'hin spiccat it-tfitxxija u regghu marru d-Depot kienu saru xi tmienja u nofs ta' bil-lejl. Qabel telaq mill-ufficju niezel ikellem lis-Sinjura Apap u qalilha li ghada filghodu jibghat ghaliha l-ewwel haga. Qal li l-attegjament ma kienx wiehed mill-helwin u ma jistax jghid li kkoperat bi shih. Bdiet tghid li ma taf xejn dawn l-affarijiiet li ma ghandha x'taqsam xejn. Hi qatt ma kienet ma Joseph Meilaq meta hu kien qed imur jigbor. Qabad lis-Surgent WPS 103 Marcelle Farrugia mill-ufficju tal-Ispettur Abdilla ufficju indipenendi minn tieghu, wiehed mir-rapporti il-complainant irrimarka li kienu koppja ragel u mara. Allura qabbad lil din is-Surgent WPS 103 sabiex iccempel lil dan il-complainant u jivverifikaw mieghu dawn l-affarijiet. Il-complainant lil din is-surgent fil-prezenza tas-Sinjura Apap li gharaf fl-awla ta' deskrizzjoni ezatta tas-Sinjura Apap fosthom li kellha xaghra twil iswed strikjat bl-isfar. Joseph Meilaq stess kien ikkonfermalhom li dakinhar kienet mieghu li dan il-complainant ma tahomx flus u li ssupervjat u marret ghand il-genituri taghha li joqghodu Hal-Qormi. Xehed li mill-*pirs* irrizulta li l-genituri tas-Sinjura Apap verament jghixu Hal-Qormi. Fl-istatement tas-Sinjura Apap ghazlet li ma twegibiex hlief xi 2,3,4. Ma wegbitx ghal mistoqsijiet li kienet titlob lil Joseph Meilaq 100 ewro (€100) kuljum, jekk tafx x'tip ta' xoghol jew professjoni ghandu, li kienet qed tirceivi xi seba' mitt ewro (€700) minghand Joseph Meilaq fil-gimgha. Xehed li '*Fuq domanda li jien ghamiltilha ukoll inti lil dan Joseph li qattajt xi gimghat tghix mieghu taf kemm kien qieghed igib flus sabiex jaghtik li skond hu inti kont titolbu kuljum. L-ewwelnett dan Joseph qabad u gie jghix mieghi u dan qabad u gab il-hwejjeg u nghid li jiena qatt ma tlabtu flus.*' Dawn gew immarkati bhala Dok JF39 u 40.

Xehed li b'dawn il-provi kollha f'idejh u b'mod specjali ghal dak li elevaw mir-residenza tas-sinjura Apap kemm bhala rcevuti kemm bhala affarijiet, mill-ammissjoni fl-istatement tas-sur Meilaq ghal darba u z-zewg statments kellu provi bizzejjed biex iressaq liz-zewg imputati Joseph Meilaq u Graziella Apap b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrat nhar l-10 ta' Novembru quqddiem il-Magistrat tal-Ghassa Dr Miriam Hayman. Huwa esebixxa erba' (4) settijeit ta' ritratti mehudin minn CCTV camera bhala Dok JF 41, 42,43 u 44. Kif ukoll zewg brieret li gew elevati mill-karozza tas-Sur Meilaq wahda minnhom cara fir-ritratt u qmis kemm xejn mkemxa u mahmuga f'wiehed mir-ritratti. Dawn gew esebiti bhala Dok JF45 u 46.

Fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) l-Ewwel -Qorti appuntat lil Dr Joseph Mifsud sabiex jisma' x-xhieda ta' George Zammit (li kellu jkun Carmel Zammit).

Fis-seduta tad-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed **Dr Joe Mifsud** li xehed li b'digriet moghti fid-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) gie nominat biex jisma' x-xhieda bil-gurament ta' Carmel Zammit[3] li ghandu l-karta tal-identita' 0020835M residenti 8, Triq San Pietru, Hal Qormi fir-residenza tieghu. Huwa prezenta t-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija mis-Sur Zammit bhala Dok JM1.

**Carmel Zammit** li xehed quddiem Dr Joseph Mifsud qal li huwa anzjan ta' 78 sena, joqghod wahdu f'9, Triq San Pietru, Hal-Qormi. Xehed li madwar xahar ilu gie ragel li ma jafx min hu, xi l-ghaxra ta' filghodu u qallu li rebah hamest'elef ewro (€5,000). Xehed li '*Ghidtlu rbaht minghajr ma nilghab. Qalli jekk ma naghtikx mitejn Ewro (€200) ma jgiblix ic-cekk. Ghidtlu "itlaqli l-barra." Qabad it-triq u telaq. Hadni l-Ghassa habib tieghi George Zammit u ghamilt rapport.*'

**Anna Borg** xehdet quddiem l-Ewwel Qorti fid-disgha (9) ta' Dicembu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn qalet li xahar ezatt ghamlet rapport wara li kienet id-dar wahedha u cempel il-bieb u marret tiftah ghax hasbitha l-mara ta' huha u ma

---

[3] Il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014 jaqra 'George Zammit'

qghaditx tittawwal minn hemm u sabet ragel quddiemha u saqsiha taghtix *donations* lid-Dar tal-Provvidenza '*Ghidtlu iva, qalli mela rbaht xi haga. Imbaghad ghidtlu imma x'irbaht jien xi haga u din. Qalli, hareg pitazz zghir daqshekk, qalli ffirma naqra u jiena ma nafx ghalfejn iffirmajt. Imbaghad qalli, trid ittini mitejn ewro (€200). Ghidtlu mitejn ewro (€200)? Ghidtlu jiena heqq mhux jien taghjthom, ohti. Qalli imma trid ittini mitejn ewro (€200). Imbaghad ghidtlu imma mhux ha ntik ta' jien, qalli imma issa ffirmajtli, imbaghad dhalt ingiblu. Imbaghad beda jghidli, issa x'hin taghjthomlu qalli issa trid ittini hamsin (50) ohra. Ghidtlu imma mhux ha ntik aktar ta', qalli issa.*' Qalilha li rebhet xi haga tad-Dar tal-Provvidenza. Qaltu li l-hamsin (€50) mhux se taghtih aktar, saqsiha tkunx hemm l-ghada filghodu u qaltlu iva izda ma giex. Hi iffirmat fuq pitazz zghir. Wara li ffirmatlu u taghtu l-flus hadilha b'idejha u telaq. Hija gharfet lill-imputat Joseph Meilaq. Ghamlet rapport ghax cemplet id-Dar tal-Provvidenza u qalulhom li ma baghtu lil hadd. Qalulhom biex jaghmlu rapport u ghamlu rapport imbaghad baghtu ghalihom il-Pulizija u urewhom hames ritratti u li dan kien bil-beritta u gharfitu izjed.

**Joseph Farrugia** xehed fl-istess seduta fejn qal li kien qallu li rebah voucher tal-Provvidenza il-persuna li gie id-dar tieghu f'Novembru. Qallu li trid taghtih mitt ewro (€100) u tahomlu. Ma qallux ta' xiex kien il-*voucher.* Kien qieghed jigbor ghal tal-Providenza. Kien tah karta li zamm il-Pulizija li ma kinitx iffirmata u li kien hemm somma u qallu li jigi ghada jgiblu c-cekk ta' dak li rebah. Huwa gharaf lil imputat Joseph Meilaq. Il-*voucher* li qallu li rebah ma gabulux. Dan il-persuna kien wahdu.

Fl-istess seduta xehed ukoll **PS 856 Conrad Falzon** stazzjonat l-Economic Crime Unit. Xehed li fil-bidu ta' Ottubru gie mgharraf mill-Assistent Kumissarju li hemm pattern ta' crime li qed isir ripetutament li peersuna qieghda tmur thabbat lil bibien tan-nies titlobhom il-flus ghad-dar tal-provvidena u talbu biex ir-rapporti li jidhlu fid-disrett isegwihom naqra u jassistihom. Min-naha tieghu beda jigbor ir-rapporti kollha li bdew dehlin. Fit-tfittxija mar lura sa Awissu ta' din is-sena. Fosthom gabar footages u stills mill-istess CCTVs. Fit-8 ta' Novembru ghamel qisu xahar jindaga jiprova jaqbad art min seta' kienu dawn il-persuni gie mgharraf mill-Ispettur tieghu, kienu fid-disgha (21:00) ta' filghaxija li certu Joseph Meilaq li huwa gharaf fl-awla gie

arrestat gewwa Birzebbuga. Dahal ghax-xoghol u bdew bl-investigazzjonijiet taghhom. Hu u l-Ispettur marru l-Oriana Hotel fejn sabu l-kamra fejn kien qieghed dik il-gurnata jew xi jumejn (2) qabel ghax wara saru jafu li kien minn lukanda ghall-ohra u gol-kamra tiehu sabu xi dokumenti b'xi ammonti ta' flus mitt ewro (€100), mitejn ewro (€200) li dehru jappartjenu ll xi hadd. Dan kien is-sibt sbieh il-Hadd, regghu komplew bl-investigazzjoni fejn irrizulta minghand Joseph Meilaq stess li dan kien qed jaghmel hekk minhabba certu wahda Graziella Apap li gharaf fl-awla ukoll. Ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinahr gabu lil Graziella Apap gewwa d-Depot sabiex tirrilaxxa l-istqarrija min naha taghha. Filghodu kienu diga' marru jippruvaw jaghmlu attentat xil-10:30am, 11:00am marru cemplulha gewwa r-residenza pero' ma fetah hadd u ovvjament regghu pruvaw aktar tard fit-tlieta (15:00) ta' wara nofsinhar. Cemplulha jiftakar u qaltilhom li qieghda d-dar u fehmu maghha biex tigi d-Depot. Kien hemm xi oggezzjoni u qaltilhom li ahjar tistennihom barra. Ltaqghu maghha hdejn ir-residenza gewwa s-Siggiewi. Kif iltaqghu maghha Graziella, nizel l-Ispettur qed ikellimha biex jinfurmaha rigward xiex kienet se tigi gewwa d-Depot u innota li qed tirrekordja lill-Ispettur u tlabniha biex titfi l-mobile. Wara marru d-dar taghha ghal tfittxija fejn sabu l-affarijiet li kien semma' Joseph li skond hu kien xtralha zewg (2) settijiet tat-television wiehed fifty (50) inch u iehor thirty two (32) inch, tablet kellu *cover* roza, zewg (2) cheetahs ta-porcellana jidhru li kienu ghadhm godda apparti l-apparenza taghhom, ghadhom jleqqu u minn go fihom kien ghadu hiereg dak il-foam abjad minn taht ghax peress li huwa jkunu *hollow* minn gewwa kien hiereg minn taht, *frame* tal-porcella, mejda zghira u kif ukoll kolonna. Dawn kollha, ssib hafna minnhom l-ircevuti relatati maghhom. Bdiet tghid li xtrathom min flusha. Joseph Meilaq qal li hu kien tahomlha u minn dawk il-flus li kien gabar minghand in-nies ghan-nom tad-Dar tal-Provvidenza. Huma qabdu l-affarijiet elevawhom u marru lura d-Depot. Kif kienu d-Dept, dan kien il-Hadd, l-Ispettur hass il-bzonn ta' konfront bejniethom minhabba li wahda kienet qieghda tghid mod u l-iehor kien qieghed jaghmel statement mod iehor, laqqawhom gewwa l-ufficju fejn Graziella rat lil Joseph Meilaq qabdet siggu u kienet se twaddbu, zammha hu u ppruvaw jikkalmaw is-sitwzzjoni. Ikkonferma li t-tfittix fir-residenza ta' Graziella Apap sar minnu. Is-Sinjura Apap ma kinitx koperattiva ghas-semplici fatt li ma ridithomx li jidhlu ghax ma ghandhomx dritt li jidhlu ghalkemm tawha l-mandat ta' arrest. Meta gew biex jiehdu l-affarijiet bdiet tirrezisti ghax l-affarijiet

bdiet tghid li xtrathom hi u mhux mibghuta minghand Joseph, ma xtrahomlhiex Joseph Meilaq u hafna skuzi minn dawn. Appari li gew elevati it-televizjonijiet u affarijiet fizici, instabu dokumenti li kienu jappartjenu ghal affarijiet mixtrija kif ukoll dokumenti tas-Sigurta' socjali beneficcji u affarijiet hekk tal-ETC, karti tas-Social Service u affarijiet hekk.

Fis-seduta tad-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed **PC1600 Gilbert Gatt** li qal li l-hadd disgha (9) ta' Novembru ghal habta tat tlieta ta' wara nofsinhar flimkien mal-Ispettur Feris, is-Surgent 856 u WPC 67 marru r-residenza ta' Graziella Apap li huwa gharaf fl-awla. Marru r-residenza taghha gewwa s-Siggiewi biex jikkonfermaw jekk hemm l-oggetti li qalilhom Joseph Meilaq li xtara bil-flus li gabar f'isem id-Dar tal-Providenza. Marru fir-residenza fejn ikkonfermaw u sabu dawn l-affarijiet li kienu zewg (2) *television sets*, wiehed 32 u iehor 50 inch, *tablet*, zewg (2) *side table* tal-hgieg, zewg (2) statwi tat-tigri u flimkien ma' dawn l-affarijiet sabu ukoll l-ircevuti rispettivi taghhom. Wara li kienu fir-residenza regghu marru fl-ufficju taghhom fil-Frodi fejn hemm sar konfront bejn Apap u Joseph Meilaq li gharaf fl-awla. Kif dahlu lis-Sinjura Apap, mal-ewwel kienet aggressiva, qabdet siggu u kienet ha twaddbu lil Meilaq u bl-intervent taghhom l-Pulizija zammewha u kkontrollaw s-sitwazzjoni. Sar diversi theddied u anke nstemghet il-kelma li noqtlok. Apap ma tantx kienet kopperativa mal-Pulizija. Wara l-konfront regghu marru fir-residenza ta' Apap flimkien mal-Ispettur fejn hemmhekk elevaw l-affarijiet li kif semma mir-residenza taghha u regghu marru l-ufficju tal-Frodi fejn imbaghad wara tiehed statement lil Joseph Meilaq ghal habta tas-sebgha nieqes ghoxrin (6:40).

Fis-seduta tas-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-Ewwel Qorti giet infurmata li Mary Booker, Giuseppe Risso, Teresa Risso gew debitament notifikati sabiex jixhdu fl-udjenza u peress li ghandhom problemi ta' mobilitia u problemi medici ohra, il-Prosekuzzjoni u Difiza jaqblu li ghandu jinhatar bhala espert tal-Qorti Dr Joe Mifsud sabiex jisma' lil dawn ix-xhieda fir-residenza taghhom.

Fis-seduta tas-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehdet **Maria Grazia Cutajar** li kkonfermat li madwar xahrejn ilu ghamlet rapport l-Ghassa rigward nies li kienu qeghdin jigbru l-flus. Qalet li '*kumbinazzjoni dakinhar kelli l-bieb*

*fuq l-antiporta u hrigt nittawwal minhabba illi kelli c-cilindru tal-gas u gie wiehed qalli, qalli int qatt irbaht xi haga ? Qisni hekk skantata jien. Qalli ghax irbaht minn tad-Dar tal-Provvidenza. U mbaghad dahal qalli irbaht minn tad-Dar tal-Provvidenza. U mbaghad dahal qalli trid ittini €100. Wara li tajtu l-€100 rega' talabni €50. Ghidtlu €50 ohra? Qalli rbaht xi €4000 minghalija jigifieri. U mbaghad qalli ghada qalli ngibulek ic-cheque. U ghaddiet. U mbaghad jiena qaghadt nahseb wahdi u cempilt lin-Neputija u qed nghidilha. Ghidtilha cempel naqra d-Dar tal-Provvidenza ghidtilha biex nara jekk baghtux lil xi hadd biex jigbor il-flus u fuq xi rebh. U cemplet qallha le qallha ahna ma baghtna lil hadd, qaltli ahjar immorru naghmlu rapport l-Ghassa. U mort ghamilt rapport l-Ghassa uh'*. Kien ragel pero' kellu l-beritta mnizzla bil-pezz twil u ma ratx wiccu. Qalet li ma tistax tghid min hu izda mhux twil hafna. Ma tahiex ircevuta izda taghha bicca karta qas taf x'kien fiha qisha sewda, qisha maqtuha minn xi gazzetta. Hi kellmet il-pulizija u qalilha li graw ohrajn bhalha u ftit wara giet pulizija u urietha hafna ritratti u qaltilha ma tistax tghid jew dak jew dak ghaliex kellu l-pezz quddiem wiccu u rasu mnizzla 'l isfel u ma setghetx taghrfu xejn. It-triq taghha Triq Gorg Borg Olivier Rabat.

L-**Ispettur Jonathan Ferris** rega xehed fis-seduta tas-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn spjega li ried jipprezenta ukoll zewg notebook u biljett tal-Gozo Channel misjuba fil-karozza ta' Joseph Meilaq li kienet iparkjata Birzebbugia dakinhar tal-arrest tieghu s-Sibt it-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015). Il-biljett tal-Gozo Channel gie prezentat bhala GZ1 datat l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) li xehed li jikkorrispondi ma wiehed mill-vittmi meta kienu ngabru flus minn Ghawdex. Prezenta ukoll booklet zghir bhala GZ2 fejn hemm imnizzlin ammonti ta' flus li huma dovuti ghaxliex '*qed jghid pending balances, jigifieri fadal u jiffirma certu A Bartolo. Nghid lil Qorti illi jiena A Bartolo ma nafx min hu ghaliex l-imputat Joseph Meilaq qatt ma tani nformazzjoni dwaru'*.

Fis-seduta tal-ghoxrin (20) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) Joseph Meilaq ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu. Filwaqt li fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-imputat Joseph Meilaq irregistra ammissjoni ghall- akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Fis-seduta tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) **Dr Joe Mifsud** xehed li fuq inkarigu tal-Qorti sema hmistax (15)- il xhud indikat lilu. Kien jonqos erbatax (14) ohra izda gie infurmat mill-ispettur Ferris li setgha jkun hemm ziluppi f'din il-kawza u allura qallu biex ma jkomplix jisma' x-xhieda u jipprezenta x-xhieda li gabar. Huwa prezenta x-xhieda li gabar tal-hmistax (15)-il persuna bl-ismijiet indikati. Dawn gew immarkati bhala Dok. JM1[4].

Fis-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem Dr Joseph Mifsud xehdet **Giovanna Antida Sciberras** li qalet li kien Ottubru 28 ghax kienu ha jaghluq l-anniversarju. Dakinhar marru l-bank ghal pensjoni. Cempel il-bieb, sabet guvni bil-beritta tal-pizz bil-ktieb u biro. Qalilna "*tajtu xi donation lid-Dar tal-Providenza?*" Kompliet tixhed '*Nafu li tajna imma ma niftakrux. Qalilna li rbahna € 5,000. Tajjeb kieku! Qalli li huma kien baghtuh u li tawh indirizz tajjeb. Talab € 500. Qalli biex taghtihom donation. Ghidtlu li diga' konna tajna. Qalli " Mhux ahjar taghtihomli la rbahtu daqshekk?". Tajthomlu. Rega' talabni € 300. Qalli li dawn kienu ser jwarrbuhom il-bank u talabni €50.00 ohra. B'kollox hadilna € 850. Ghidtlu jekk immorru d-Dar tal-Providenza jaghtuni c-cekk? Qalilna mmoru.*' Xehdet li '*Morna d-Dar tal-Providenza u qalulna li ma kienx hemm gbir. Gejna lampa stampa. ma baqalna xejn.*' Hi gharfet AM4 bhala l-persuna li hadilhom l-flus.

Quddiem Dr Joseph Mifsud xehed ukoll **Vincenzo Galea** fis-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) li qal li kien Ottubru tas-sena l-ohra f'xi l-hdax (11). Habbat il-bieb u kien hemm ragel bil-karta f'idu. Ried €500 u tajhomlu ghax beza. Qallu ghandu bzonn € 500. Beza. Xehed '*Kollu cajt. Mort fuq, gibt il-flus u tajthomlu. Mort l-ghassa u ghidtilhom. Ghadda z-zmien u mir-ritratt li qed turini mhux naghrfu. Insejt il-wicc.*'

Quddiem Dr Joseph Mifsud xehed ukoll **Salvatore Mercieca** fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) li qal li kien Ottubru 2014, habbat lil tal-faccata u fetah. Kien rasu l-isfel bil-beritta u wiccu ma rahx. Qal li qeghdin jigrbu l-

[4] Skont ir-rapport li jidher a fol 196 et sequitur, senjatament a fol 202, l-espert tekniku Dr Joseph Mifsud nizzel li '*Illi l-esponent jirrieleva li f'kull seduta barra li ha x-xhieda tal-persuna, wera lill-istess persuna ritratti immarkati AM 1, AM 2, AM3 u AM 4 biex jindikaw il-persuna li warret id-dar taghhom titlobhom il-flus. AM4 kien ritratti tal-imputat Joseph Meilaq.*' Minkejja li fl-atti tal-kawza odjerna gew prezentati numru ta' ritratti, ma jirriizultax ritratt esebit u mmarkat bhala AM 4.

flus ghad-Dar tal-Providenza, tawh €135 u ried €500. Qalilhom li rebhu €5000. Jghid li telaq jigri l-fuq u imbaghad it-tifla rrapurtat lil Pulzija.

Xehdet **Carmen Farrugia** fis-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem Dr Joseph Mifsud u qalet li kien Ottubru 2014 xid-9:15 ta' filghodu meta gew lura mix-xirja. Spjegat '*Gie ragel, cempel u qalli "Inti tajt xi donazzjoni lid-dar tal-providenza?" Ghidtlu iva. Qalli ha naghmillek ircevuta ha nidhol ftit ghax int irbaht € 5,000. Dahal u beda jsaqsini "taf lil Father Hayden ghaliex illum ma setghax jigi maghna" u kliem hekk. Issa trid ittina donazzjoni ta' € 250. Donazzjoni u t-Tnejn nigi bic-cekk ta' € 5,000.*' Spjega li mar igiblu €250 u tajhomlu u meta hareg qallu "*narak nhar it-Tnejn*". Jghid li kliemu kien helu u malli hareg '*ikklikkjat. M'ghandix x'nuri.*' Cempel id-Dar tal-providenza. qalulu li ma kienu baghtu lil hadd jigbor fid-djar, cempel lil Pulizija. Huwa gharaf il-persuna fir-ritratt AM4 li kellu l-beritta bhala l-persuna.

Fl-istess seduta tas-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed **George Azzopardi Giappone** quddiem Dr Joseph Mifsud li qal li kien Ottubru 2014, xi nofsinhar. Kienu ghadhom hergin mix-shopping. Gie fuqhom ragel u qalilhom li rebhu LM7,000 id-Dar tal-Providenza. Hu emnu ghax jircievu djarju tad-Dar tal-Providenza u gieli awhom flus. Qallu li kien ser jiehdu rigal u talbu €300, gablu€ 250 u talbu €50 ohra. Beda jsemmilu l-qassisin u qallu li kienu jistghu jigbru l-flus filghaxija. Qalilhom li Monsinju Gatt ma kienx jiflah. Kellu pezza drapp tajielu. Talbu l-ID card u qallu li ma kinitx fuqu. Huwa ghararf ritratt AM4 bhala l-persuna. Spjega ukoll li x'hin telaq, cempel id-dar tal-Providenza. Qalilhom lil dahak bihom u biex jirrapurtaw lil Pulizija. Marru l-Ghassa u rrapurtaw.

**Tereza Callus** xehdet fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) li qalet li kien is-Sajf u li tghix wehedha. Kien l-ghaxra ta' filghodu u habbat ragel u hasbitu tal-Jehovah u qalilha li gie mid-Dar tal-Providenza u li qalilha li rebhet voucher. Hi ma kelliex x'taqsam mad-Dar tal-Providenza izda emnitu. Talabha tlett mitt ewro (€ 300) biex l-ghada igibilha c-cekk. Xehdet "*Jien minn fejn irrid naghtik € 300 meta qed nistenna l-pensjoni?*" Hareg notebook u geghlha tiffirma u ffirmat biex tehles minnu. Hija gharfet il-persuna li giet ghandha f'ritratt AM4. Qalet li werwira dakinhar u li dahal warajha u bezghet.

**Mary Booker** xehdet quddiem Dr Joseph Mifsud fil-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) u qalet li cemplilha l-bieb fuq l-antiporta u kien hemm ragel li tghid li kellu '*late twenties*'. Marret mal-ewwel l-Ghassa ghax qalilha li kien qieghed idur it-triq. Kien Awissu u l-persuna ma tgharfux izda tghid '*Very slim.*' Xehdet li qalilha li kien hemm tad-Dar tal-Providenza u li rebhet eluf ta' ewro. Qaltlu li ma jistax ikun ghax ma tafx biha u ma ratx programmi izda riedet tehles minnu u bdiet tibza minnu u taghtu erba' mitt ewro (€400). Tghid li bezghat li jekk ma taghtihx ikun agressiv maghha. Ghamlet rapport l-Ghassa.

**Joseph Risso** xehed quddiem Dr Joseph fil-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015). Xehed li f'Awissu kien bl-antiporta miftuha ghax ma kienx qieghed jimxi. Gie ragel u qalilhom li rebhu sebat'elef ewro (€7,000) bl-ircevuta u qabel jibghatu c-cekk riedu jaghtu somma flus. Xehed li '*Ghidtlu meta jibghatu c-cekk inaqqsuhom minnhom. "Vera li inti taghti lid-Dar tal-Providenza"*'. Jiftakar li telaq l' hemm meta tah ir-risposta dwar ic-cekk. Ma jafux lil persuna.

**Martha Fenech** li ukoll xehdet quddiem Dr Joseph Mifsud fil-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) qalet li kien is-Sajf f'Settembru u kienet qieghda tahsel it-tarag u daqqet il-qanpiena. Hasbitu t-tifel izda din il-persuna qal "*Inti tibghat il-flus lid-Dar tal-Providenza? Erbaht rigal" Ghidtlu ahjar minn daqqa fuq wicci.*' Dahal u talabha l-ID Card, kellu note book dejjaq u hafna nies miktuba. Qalet dan vera, talabha n-numru tat-telephone u talabha 50 ewro u qaltlu li ma ghandhiex u taghtu 20 ewro. Spicca telgha warajha. Qalet li l-aktar li jixbhu AM4 minn AM1 sa AM4.

**Antonia Dalli** fis-seduta tat-tmintax (18) ta'Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem Dr Joseph Mifsud li qalet li kienu l-hamsa ta' filghaxija u qalilha li rebhet ghaxar t'elef ewro (10,000) u qeghdin il-bank. Wera' il-karti lit-tifal. Qalilha 'Dawn il-kart tas-sena l-ohra". Il-persuna ma kienx kbir hafna u ma kienx liebes beritta. Qalilha li l-flus jidhlu l-bank u talabha mitejn u hamsin ewro (€250), u mija biss kellha. Staqsiha ghal ohrajn u qaltlu jekk tigi taghtih il-kumplament. Il-wicc ma taghrufx.

**Salvu Calleja** xehed fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem Dr Joseph Mifsud li qal li kien Ottubru xi 2:00pm. Gie ragel ihabbat u kellu berritta. Qallu "*Inti Salvu Calleja? Ghax irbaht voucher mid-Dar tal-Providenza*" Qal forsi tellghu xi haga ghal dawk li s-soltu jaghtuhom, hu gieli ta' donations. Talbu l-ID Card biex jaghtih il-voucher. Xehed li f'l-Istrina ta' qabel kien rebah capetta u ghalhekk beda jemmnu. Talbu mitejn (€200) "*Halli ngiblek il-vouchers ghax int irbaht €4,000*".

Xehed li qall li d-Dar tal-Providenza ghandha bzon il-flus mhux se taghtih il-flus. Qallu biex jaghtih mitt ewro u qallu li ma ghandux u li qed jistenna t-tfal. Qallu "*Inti mid-Dar tal-Providenza? Tinkwetax. It-tifel jahdem hemm*" u telaq 'l hemm. Wiccu ma jiftakrux.

**Ganni Domenici** xehed fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem Dr Joseph Mifsud li qal li kien madwar gimgha wara tar-Ruzarju f'Ottubru fl-10:30 u sema '*bum bum*' u sab wiehed u qallu li rebah hamest'elef ewo (€5,000). Qallu tad-Dar tal-Providenza. Xehed li '*Jien ghidt dik trid l-ghajnuna u mhux tqassam il-flus. Talabni €300-. U jiena il-hmar tajtu €250- u qalli "nigi ghas-sittin ghada*". Gie f'sensih li laghbu u cempel lit-tifla u mar l-Ghassa Hal-Ghaxaq umbaghad iz-Zejtun. Xehed li kellu jeans celest u beritta izda wiccu ma jiftakarux.

**Doris Zammit** xehdet fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem Dr Joseph Mifsud fejn spjegat li f'Ottubru f'nofsinhar neqsin kwart habbat il-bieb u fethitlu ghax hasbet li gie huha. Kien ragel bil-beritta bil-pizz kbir. Qalilha ""Sinjura, jien gejt mibghut ghax irbaht premju. Beda jikteb. Qalli "*rigal ghax cempilt lid-Dar tal-Providenza*".' Xehdet li kienet taghat lil tifel fqir u emmnitu. Qalilha "*numru ta" ID*". Bdiet tibza u iffirmat ghar-rigal li rebhet. Qalilha li rebhet hamest'elef ewro (€5,000). Qalilha "*trid taghti donation ta' €200-*" Qaltlu li ma ghandhiex u qalilha taghtih illum u ghada. Qaltlu li meta jaghtiha cekk issarfu u taghtih minnhom. Flus ma taghtux u marret l-Ghassa u rrapurtat. Tghid li ried mija dakinhar u mija l-ghada. Wiccu ma tgharfux.

**Consiglia Debono** xehdet fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem Dr Joseph Mifsud fejn qalet li fis-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u

erbatax (2014) kienet qieghda tahsel l-intrtata, meta gie ragel isaqiha jekk hijiex Mifsud. Qaltlu li hi Debono u qalilha '*iva hawn qieghda int*'. Qalilha li rebhet erbat'elef u taghha karta. Qalilha biex taghtih mitejn ewro (€200) u taghtu hamsin (€50) u qalilha li jrid aktar u taghtu li kellha fil-portmoni mija u ghoxrin ewro (€120) ohra. Mar bil-karta l-bank u qalulha li dahku biha u marret l-Ghassa u ghamlet rapport. Tghid li kien bil-beritta u semma lid-Dar tal-Providenza u li qal li hi gieli cemplet. Kien bil-beritta u indikat AM4.

**Catherine Cumbo** xehdet fit-tmintax (18) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem Dr Joseph Mifsud fejn qalet li kien Ottubru 2014 ghas-saghtejn ta' wara nofsinhar. Kienet hierga minn Triq il-Luzzu sejra fejn kienet toqghod qabel f'Xatt is-sajjieda. Kif ghalqet il-bieb sabet ragel ghadu zghir. Qalilha li ghandu offerta ta' tlett'elef ewro (€3,000). Lanqas fethitha l-karta li taghha, taghtilhom l-Ghassa. Qalilha li trid taghtih mija u hamsin ewro (€150) talli gabhomla. Hi taghtu l-mija u hamsin ewro (€150) u ma tiftakarx min kien.

**PS 74 Mark Chetcuti** xehed fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn qal li gie ikkuntatjat sabiex jaghmel ezamijiet komparativi ta' impronti digitali kif ukoll palmari in konnessjoni ma rcevuti, dokumenti, biljetti fejn kollha kienu in konnessjoni mad-Dar tal-Provvidenza ghad-detriment ta' persuni separati. Prezenta seba' (7) rapporti fejn fihom sab li meta dahhal l-impronti fis-sistema tal-AFIS taghhom hemm uhud minnhom qablu ma' Joseph Meilaq detentur tal-karta tal-identita' 306782M. Huwa prezenta seba' (7) rapport b'impronti digitali u l-palmari. Mistoqsi jekk '*kolla ghamlu hit mas-sistema*' wiegeb li le mhux l-impronti kollha li gew ghandu izda qed jippezenta CD ma' kull rapport tal-impronti kollha li gew ghandu.

Fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) il-Qorti hatret bhala espert lil Dr Steven Farrugia Sacco sabiex jaghmel analizi tat-*telephone* cellulari elevat minghand l-imputata Graziella Apap inkluz localization u estrazzjonijiet tar-registrazzjoni audio.

Fl-istess seduta Joseph Meilaq ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

**Fr. Martin Micallef** xehed fis-seduta tat-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn qal li huwa Direttur tad-Dar tal-Provvidenza. Jiehu hsieb kollox b'mod generali u hemm l-amministratur li jiehu hsieb ir-*running* ta' kuljum. Spjega li kull min jixtieq jaghti donazzjoni jista' jigi jew id-dar tal-Provvidenza fis-Siggiewi jew ghandhom ufficcju l-Belt Triq San Pawl, inkella jistghu jibghatu donazzjonijiet minn Banek ewlenin, hemm diversi modi anke elettronici pero' ma jibghatu lil hadd ihabbat bieb bieb. Dik jenfassizawha l-hin kollu. Pero' jekk xi hadd icemplilhom biex imorru d-dar tieghu ghad-donazzjoni jew imur hu jew jibghat lil xi hadd tad-dar tal-providenza. Ilu direttur ghal kwazi seba' (7) snin u qatt ma awtoriza lil persuni biex imorru jigbru bieb bieb. Mistoqsija jekk Graziella Apap qatt giet imqabda tigbor jew bhala *helper* wiegeb li zgur li le u li ma jafx min hi.

**Nadine Camilleri Cassano** xehdet ukoll fit-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn qalet li tahdem mad-Dar tal-Provvidenza bhala amministratur li tiehu hiseb l-amministrazzjoni inkluz il-finanzi. Spjegat li bhala gbir hemm zewg attivitajiet kbar fl-ewwel tas-sena u l-maratona tal-volley ball u l-bqija jidhlu donazzjonjijiet bil-posta, jigu n-nies l-ufficju jew tal-Belt jew is-Siggiewi. Qalet li kemm ilha hemm hi jigifieri erba' snin qatt ma baghtu nies bieb bieb. Il-flus jaslu d-Dar tal-Provvidenza jew bil-posta jew jigu n-nies.

**Joseph Meilaq** xehed fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn ikkonferma li ma appellax mis-sentenza. Huwa gharaf lill-imputata. Ikkonferma li kien arrestat, ittella l-Qorti u wehel sentenza ta' erba' (4) snin prigunerija peress li kien qieghed jigbor flus ghad-Dar tal-Provvidenza b'ghemil qarrieqi. Mistoqsi kif jaf lil Apap wiegeb li kien jahdem ta' Sliema u H'Attard ma' Mario Vella u li habib tieghu '*qabbadhieli*'. Huwa spjega kif iltaqa' maghha, spjega ukoll li qaltlu li ghandha flat jiswa erba' mija u hamsin ewro (€450) fix-xahar li jghid li ma kien minnu xejn. Xehed li kienu qalulu li '*dik ha tisolhok u ha tibbamjak.*' Qal li ghandha tlett' (3) itfal u kien jghidilha biex jiehu hsieb dawk it-tfal. Qalulu li Graziella Apap '*tigri mal-Libjani*' u li jekk tistaqsi l-Habs kulhadd jafha. Kien qieghed jahdem u cempillu l-imhallem jghidlu li ma ghandux x'jambiha. Jghid li kien ghadda minn esperjenzi fejn traduh ghax hu tifel sew u qalbu tajba u jekk jara bniedem bil-

guh jitimghu. Qalilha li jekk ikollha bzonn xi haga jghinha u bdiet taghtih il-hinijiet mis-sebgha (7:00) sal-ghaxra (10:00) ta' bil-lejl. Kien imur is-Siggiewi ghandha. Kellha lil hadd iehor u kienet tghid li se titilqu u kien jghidilha li ghall-gid taghha ma tistax timxi bi tnejn (2), qalilha li jew hu jew dak. Qalilha '*jiena ma ridx ezempju jigi jsibni hawn u jiena ma nafduhomx speci tkun qieghed hemm gew u peress li jghidulek ituk forsi xi daqqa ta' sikkina jien naf xi jfettilhom.*' Hu kien jahdem mit-tmienja (8:00) ta' filghodu sal-ghaxra (10:00) ta' bil-lejl.

Xehed li kellha bzonn *washing machine* u talbitu u qalilha li se jixtrilha *washing machine* <u>bil-flus tax-xoghol</u>[5]. Jghid li kien qieghed jiknes u bdiet iccempel. Ghamel xi gimghatejn jghix ghandha u beda jmur b'riha ghax jahdem ta' Sliema kennies u H'Attard. Spjega li '*qaltli xi trid tahdem qaltli jien ma, qaltli noqghod niggera qaltli jiena nhobb noqghod hekk easy money u bdejna fuq hekk speci. Imbaghad bdiet u kien hemm qisu karta fl-letter box tal-qishom f'isem tad-Dar tal-Provvidenza.*' Mistoqsi f'liema *letter box*, wiegeb li f'tas-Siggiewi. Hu hadhom u qaltlu biex jibda jaghtiha mitt ewro (€100) kuljum. Qalilha li hu ma jaqlax mitt ewro kuljum, kien jaqbad sitta u sittin ewro (€66) mit-tmienja (8:00) ta' filghodu sal-ghaxra (10:00) ta' bil-lejl. Qaltlu biex jara x'se jaghmel ghax '*qaltli jien taf min jien hu u bdiet taghmel hekk bdiet theddidni. Qalti jiena naf hafna nies u ssemmi. Qaltli huti taf x'jaghmluli qaltli joqtluk jekk nghidilhom.*' Qalilha li hu jghinha qieghed. Qalilha li hu bil-paga u ma jridx jerga jghaddi ghax hu kien diga '*din tal-bieb imma zbaljajt jiddispjacini jigifieri li ghamilt u m'ergajtx ghamiltha u x'hin hrigt minn hemm gew ghamilt sena nahdem mit-tmienja (8:00) ta' filghodu sal-ghaxra (10:00) ta' bil-lejl...*' Spjega li x'hin cempel l-imghallem kienu ghal habta tad-disgha (9:00) ta' bil-lejl qallu li huwa tifel sewwa u li jghin lil kulhadd u li '*dik ha twaqqek fin-nassa.*' Qallu f'liema sens u li jaf x'qed jaghmel. Qallu li se titfani l-Habs terga. Spjega li beda jixtrilha xirja kull gimgha, bdiet tordnalu lista shiha u l-Gimgha biss kien jaghtiha mija u tmenin (180). Darba minnhom kien il-Gimgha u hadielha hamsin ewro (€50) u saqsietu kemm akkwista '*Ghiditlha isma' ghidtilha dawn l-affarijiet qed.*' .

Mistoqsi jekk il-mitt ewro (€100) kien qieghed jaghtihomla wiegeb '*Imma bil-flus li kont niehu.*' Ikkonferma li kien jaghtiha l-mitt ewro (€100). Kien jaqla sitta u sittin ewro (€66) kuljum. Mistoqsi dwar l-erbgha u erbghin ewro (€44) ohra wiegeb '*Le,*

[5] Sotto linear u enfasi tal Qorti

*mill-paga tax-xoghol jien ma kont qed intiha xejn mill-paga tax-xoghol.*' Xehed '*qaltli isma' qaltli inti ghandek idea. Ghiditlha imma jien mhux ha nerga' naghmel dawn l-affarijiet.*' Mistoqsi x'idea hi wiegeb '*Idea li toqghod tmur tigbor il-flus u affarijiet hekk insomma.*'

Xehed li '*Ghidtilha isma' ghidtilha dawn l-affarijiet nibza' naghmilhom ghidtilha, ghidtilha ghax ghaddejt mill-esperjenza ghidtilha, ghidtilha ghax ghaddejt mill-esperjenza ghiditlha rrid noqghod bil-ghaqal ghidtila ma rridx nerga' naghmel kummidji nsomma. Qaltli jien irrid narma d-dar insomma u bdiet, qaltli isma' qaltli trid iggibieli mija (100) kuljum ta'. Ghidtilha mija (100) kuljum jien u qed niftah qalbi ma' shabi. Qaluli mija (100) kuljum qaluli mela qed tiggennen. Ghidtilhom ghax hi trid tarma d-dar u hekk insomma. U bdiet tghidli wara ftit qaltli le qaltli trid tmur tikkwista ta' qaltli inti ghandek l-esperjenza bdiet qaltli biex immur nigbor. U nsomma mort u tajtha u riedet tixtri Plasma fifty (50) inch u dan. U dal-Plasma nsomma ghidtilha, ghidtilha isma' ghidtilha nista' nkellmek jiena kien il-Gimgha ghidtilha nista' nkellmek. Qaltli iwa qallti xi trid? Qaltli gibthomli l-flus? Qaltli kemm kwistjat? Ghidtilha isma' ghidtilha jiena qed nibza' naghmel hekk ghidtilha ghax ha titfani hemm gew. Qaltli ara qaltli inti habbat biex wiehed u qaltli oqghod mohhok hemm li ma jaqbdux. Qaltli inti taf kif ghandek taghmel. Qaltli jien ma nigiex, qaltli ghax jiena jekk nigi jkunu jafu li jiena ukoll insomma.*'

Jghid li bdiet thedded, qaltlu li jekk jikxifha toqtlu u tarmih il-bahar u ma jsibuhx. Xehed li darba riedet *Tablet*, kien il-Gimgha u qalilha li mhux ha joqghod jixtrilha l-affarijiet qalilha '*int tahdem jien nahdem ghiditlha u noqghodu bil-ghaqal. Qaltli hajti tieghi u naghmel li rrid insomma.*' Qaltlu '*ghada trid tmur tikkwistali mija (100) ta' qaltli biex iggibli mija (100) kuljum. U bdejna nsomma u bdiet theddidni hafna theddid u kliem oxxen u anke darba minnhom konna bdejna nsomma konna qeghdin mexjin ha nwassalha tirregistra u qabdet ittini. Ghidtilha ieqaf ta' ghidtilha toqghodx u n-nies kollha jharsu lejha. Qaltli ejja qallti llum irrid qaltli rrid it-Tablet. Ghidtilha isma' ghiditlha tini cans ghidtilha ghax jien dawn l-affarijiet ghidtilha qed nibza' naghmilhom ghidtilha ghax jien ghaddej mill-esperjenza ghidtilha u ma rridx nerga' nghaddi mill-esperjenza milli ghaddejt.*'

Bil-flus xtralha *plasma fifty* (50) *inch*[6] *u thirty two (32) inch, Playstation 4,* statwi biex izzejjen id-dar, imwejjed minghand Dallas. Jghid li l-habs qalulu biex joqghod attent minnha ghax toqtlu. Mistoqsi dwar it-tip ta' relazzjoni bejnu u bejn is-Sinjura Apap wiegeb li jiddispjacih ghax qabad maghha kieku ghadu jahdem, jghid li x'hin hareg minn hemm iddispjacih u ghadu dispjacut. Jghid li tista' tghid il-flus li ha kollha hadithom hi. Jghid li kien ikollu x'jaqsam maghha u bil-hinijiet, '*tghidli isma' ghax m'ghandix aptit ta' u sirt naf li kien jidhol xi Sirjan...*' Kienet tghidilhom li huwa huha. Huwa gie muri fol 85 kontinenti diversi ritratti minn JAF29 sa JAF38. Jghid li kienet iccempillu u d-deliveries u tghidlu imur jigborla '*halli ggibli ghall-affarijiet.*' Ikkonferma li z-zewg televizjonijiet xtrajhomlha hu, anke '*il-hgiega tal-mejda.*' li tidher '33'. Saret referenza ghal Dok JAF 30. Ikkonferma li Dok.34[7] ukoll. Ikkonferma li dawk l-istatwi li rrefera ghalihom qabel li qeghdin Dok. JAF 38. It-tablet ma kienx se jixtrihulha u bdiet terga dejha u ssawwat quddiem in-nies meta kien ha jwassalha tirregistra mis-Siggiewi ghal Haz-Zebuga qaltlu le '*llum trid tmur tigborli qaltli ghax irrid it-Tablet qallti llejla trid tigi bih u ta' tifel twajjeb li mort, mort nixtrihulha ghamiluli go karta biex, biex dana u xrajtilha key chain ukoll mieghu dan.*' B'referena ghal Dok. JAF29. Irrefera ukoll ghal dawk minghand Dallas. Mistoqsi jekk xtrahom kollha hu, wiegeb '*Dawk ijja u pls kont intiha mija (100) kuljum mit-Tnejn sas-Sibt tajjeb, il-Gimgha kienet tiktibli lista biex nixtrilha. Kienet tghidli isma' issa xtrili li nigbor u tghidli mur ixtrili dan u xtrili dan u jien meta kont immur nigbor bir-roghda f'idejja kont immur.*' Mistoqsi meta kien imur jigbor jekk '*kont tmur tigbor minn rajk ghal xi nom ta' xi hadd kif kont taghmel?*' wiegeb le. Jghid li kien juza tal-linja, u kienet taghtih l-idea kif ghandu jaghmel ghax hu ma jifhimx. Spjega '*Kienet tghidli isma' tmurx bil-karozza ghax jekk isibuhielek jigbduhielek. Nghidilha naqbad u mmur b'tal-linja.*' Kien imur Had-Dingli, Rabat, Ghawdex. Kien ihabtilhom lin-nies '*kont nghidilhom bongu Sinjuri, jghiduli bongu jghiduli rbaht vucher mid-Dar tal-Provvidenza.*' Spjega '*Nghidilhom, nghidilhom sorry nghidilhom. Jghiduli iwa nsomma u nsomma jghiduli xi rrid naghmel? Nghidilhom issa ntikom l-ircevuta, l-ircevuta u dak, ittini ezempju erba' mija (400) bil-quddiem u tmorru d-Dar tal-Provvidenza ssarfuh il-voucher. Imbaghad ituni erba' mija (400) u hekk u, imorru d-Dar tal-Provvidenza u ma jsibu u ma jsibu assolutament xejn.*' Mistoqsi mill-Qorti, kemm jikkalkula li gabar b'dan il-mod wiegeb '*Tmin t'elef (8,000) ma nafx jekk forsi*

---

[6] Dok JF 35 huwa ritratt tal-kaxxa ta' dan it-televizjoni u jirrizulta li gie prezentat ritratt wiehed ta' televizjoni innifsu u mhux tnejn.

[7] Din il-qorti qieghda tifhem li din ghandha taqra Dok. JF34.

*tmin t'elef (8,000) ma nafx ghax jekk nghidlek kemm inkun qed nigdeb, ma nafx.'* Mistoqsi x'ghamel bihom il-flus li gabar wiehed '*Hadithom kollha hi. Jien assolutament, tghidli mhux qieghed il-Habs ghalxejn, assolutament xejn ma hadt....*' Mistoqsi dwar okkazjoni minnhom f'Hal Qormi qal li darba Graziella Apap giet mieghu thabbat u ma akkwistat xejn, xehed '*Qaltli ibda ghamilha inti, tghid kliem oxxen go, ghiditlha isma' ghidtilha tidghix ta' ghidtilha ghax qed iddejjaqni ghidtilha. Qaltli mela ejja suq ha mmorru nsomma u tlaqna b'tal-linja nsomma. Qaltli mela ejja ha naqbdu tal-linja qaltli naqbdu dirett ghas-Siggiewi u tlaqna minn hemm insomma. Qallti issa ghada mur igborli inti ta' qallti ghax jiena ma ninqalax insomma. Qaltli ara ma tikxifnix mal-Pulizija qaltli ghax inti gakbin taghhom qallti jien li nara u nisma' lilek ma nigi nghidlek xejn u kumbinazzjoni l-Ispettur tar-Rabat ghidtilha ukoll jigifieri.*'

Mistoqsi jekk jaf jekk Graziella Apap kinitx tahdem wiegeb li kienet taghmel il-messaggi u kien isaqsiha jekk ghandix permess u f'liema messaggi. Qal '*Eh da zgur ma nigix nghid lilek, kieku int hawn tmurli l-Ghassa. Kont nghidilha isma' jien ma mmurx, jien ma naghmillekx hsara, oqghod bilghaqal, ftakar li ghandek dawk it-tlett (3) itfal u kienet tmur tarahom l-Appogg gieli anke wassaltha jiena u kienet tghidli mur istennini hemm wara habba ma jmorrux jarawni tal-Appogg insomma. U kont nghidilha jahasrsa igborhom mieghek it-tfal nghidilha ghax ahjar minn uliedek hallik mil, toqghod ghax hi kienet tigri minn filghodu sa filghaxija u dejjem niehu hsiebha kont nghidilha isma'*.' Mistoqsi meta tigri tmur taghmel shopping xiex wiegeb li mhux shopping kienet tghidlu li ha tmur shopping il-Hamrun, dejjem il-Hamrun. Xehed li '*kont nghidilha zgur qeghda l-Hamrun ghax jien dejjem xtaqtilha gid u nahrfrilha igijieri fejn, imma ma nkelimix ghax fejn naraha jigifieri zgur ma nkellimiex zgur. Insomma bdejt nghidilha isma' f'liema? Kienet tghidtli qeghda niehu kafe' u dal-kafe' imma wahdek qeghda ghal dan il-kafe'? Ghax dan imbilli jkollha habiba dan mhu ha toqghod waheda u kienet tkun tigri ma' dak u gieli jghiduli ta' jghiduli qed tbarrik u jiena ma kontx nemminhom nghidilhom imma possibbli tasal biex taghmel hekk jghiduli mur oqghod igbrilha l-flus halli titfek hemm gew u hi tixxxala. U hi kienet tghidli kienet tghidli jien nehlisha ta' serrah mohhok li jien nehlisha. Nghidilha ghandek stonku taghmel hekk qed tibghatni inti u nehel jien?*' Jghid li darba wassalha biex tirregistra. Xehed li kienet taghtu kelha curkett u hamritli in-nuccali li anke gol-lift qabdet taghtih. Mistoqsi dwar fit-tfittxija fil-karoza sabulu arlogg imkisser wiegeb '*Ifhimni dak kien dak peress li kont nahdem Ta' Sliema u hekk kont inhallih jien anke nqatali*

*ghax kont nahdem wara l-iscammell u hekk u kont inhallih inqatali tfajtu hemmhekk u baqa' hemmhekk sa minn dakinhar 'l hemm jigifieri u hallejtu hemmhekk.'*

In kontro-ezami mistoqsi jekk meta qal li Graziella Apap bdiet taghtih u theddu jekk marx ghand il-Pulizija biex jaghmel rapport wiegeb '*gitni l-idea li mmur ghax anke l-imghallem u speci shabi kienu jghiduli dik irrappurtaha u nghidilhom imma ghax peress li theddid ghax ezempju jigi jheddek xi hadd lilek hemm hajtek fin-nofs. Bdiet tghidli ghax jien ghandi hafna nies jaslu u kont nghidilha isma' jien mhux xi bicca tal-art ta' biex taghmilli hekk u xtaqt nirekordjaha ha tkunu tafu l-verita'*.' Mistoqsi dwar li qal li sawtitu quddiem in-nies fil-pubbliku ghaliex ma ghamilx rapport, wiegeb '*Ghax dik konna qeghdin id-dar kont inqatta' ghandna l-Hadd insomma.*' Ma ghamilx rapport ghax jahfer. Xehed dwar li anke bniedem joffendih, qalilahabiex tmur tinzel, qaltilha itlaq mur. Jghid li anzi wassalha Haz-Zebbug ma halihiex. Jghid '*m'ilux darba minnhom hadtilha t-Tablet ukell tajtha xi flus hadtumlha u tlaqt. Cemplitli qaltli hawn int qaltli mela int hekk taghmel insomma. Ghidtilha ghax ahjar hekk insomma u kont fejn l-imhallem qalli dik kecciha 'l hemm qalli ghax dik m'ghandekx x'tambiha....*' Mistoqsi jekk kienx jibghatilha messaggi biex imur ghandha minn jeddu jghid '*Le messaggi ma nafx jekk ticcekkja l-mobile.*'

Mistoqsi li kien imur ghandha minn jeddu '*Mhux tigbdek minn ghonqok*' wiegeb '*Ezatt kienet tghidli isma' int gej inti ha ttini dik il-mija (100)..' Xehed 'Nghidilha imma ahjar nahdem ta' nghidilha ghax istrina, kienet tghidli le ta' ghax u nsomma bdejt intiha hafna flus u hekk hu.*' Mistoqsi kif kien imur ghandha mix-xoghol, wiegeb li ghamel gimghatejn jghix ghandha. Spjega li kienet tghidlu li x'hin jitlaq is-Sirjan biex imur ghandha. Dejjem kienet tghid li ha titilqu. Kien jghidilha li jew hu jew dak u hu kien imur ghandha biex jinqeda biha. Kien jghidilha '*Isma' jiena kieku tahdem int u nahdem jien noqghodu bilghaqal. U tindahalx ghax dak ahjar minnek. Kont nghidilha imma f'liema sens ahjar minni?*' Wara x-xoghol kien jibqa' sejjer ghandha bil-karozza. Mistoqsi jekk tghidx sew li kien jitlob il-flus minghand in-nies anke qabel ma kien jaf lil Graziella Apap wiegeb '*Dik iwa, le dik ghidtilhom imma mbaghad zbaljajt u mbaghad m'ergajtx ghamiltha. Le mbaghad x'hin iltqajt maghha u hekk.*' Jghid li '*Ghamilt sena bilghaqal jien jigifieri u xtaqt nibqa' dik il-hajja sal-gurnata x'hin nohrog inlesti s-sentenza nerga' naqbad dik il-hajja tax-xoghol ghax iddispjaci hafna li ghamilt hu. Ghax jien meta nara bniedem ibghati ha nghinu jiena hu.*' Mistoqsi meta kien imur jitlob il-flus minghand in-nies

b'ritratt ta' tarbija jipretendi li ghandu tarbiha wiegeb '*Mhux tat-tarbija kien, kienu.*' Mistoqsi kienx jaf lil Graziella Apap wiegeb '*Le qabel ma kontx nafha imma veru kont ghamiltha imma mbaghad bdejna bl-idea u bdiet hi ukoll u spicca qaltli erga' aqbda dak il-vizzju qalti inti tinqala'. Giet darba mieghi tigbor Hal Qormi u hekk qaltli jien ma ninqalax ta' qaltli mela ibda mur inti gibli inti.*' Mistoqsi '*U skond int Graziella Apap tatek l-idea jigifieri?*' wiegeb '*Le, mhux bdejniha t-tnejn (2), it-tnejn (2).*'

Fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed l-**Ispettur Jonathan Ferris** li qal li kien mitlub fir-rinviju sabiex jipprezenta l-prova tar-recidiva tas-Sinjura Graziella Apap li gharaf fl-awla li giet arrestata flimkien ma' Joseph Meilaq fl-investigazzjoni li kien qed imexxi l-ufficju tieghu rigwardanti allegatament gbir ta' flus ghan-nom tad-Dar tal-Provvidenza, liema flus u liema persuni ma kienux awtorizzati li jigbru, Fl-erbatax (14) ta' Lulju talab lill Arkivji tal-Qorti jaghtuh is-sentenzi u jghid li s-Sinjura Graziella Apap kellha sentenzi fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) quddiem il-Magistrat Mizzi, fit-tnejn (2) ta' lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) quddiem il-Magistrat Anthony Micallef Trigona, nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006), erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006), disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006), tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006), sentenzi moghtija mill-Imhallef Abigail Lofaro u l-ahhar wahda sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) moghtija mill-Magistrat Audrey Demicoli. Dawn is-sentenzi gew prezentati bhala Dok. GZ1 sa Dok. GZ7.

**Dr Steven Farrugia Sacco** xehed fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn qal li gie mahtur fit-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u hmistax (2015) sabiex jaghmel analizi tat-telephone cellulari elevat minghand l-imputata Graziella Apap inkluz location u estrazzjoni ta' registrazzjoni audio. Il-call profiles huma annessi mar-rapport, gew mitluba u prezenti. Fir-rigward tal-informazjzoni fuq is-sim card xehed li din giet estratta wkoll. Fir-rigward tar-registrazzjoni audio l-mobile kellu screen pattern lock u ghalhekk sar diversi tentattivi access ghall-informazzjoni fuq ic-cellulari per se ma setghax ikun hemm. Xehed li qed jirritorna Dok. JF14 u r-rapport gie immarkat bhala Dok. SFS1.

Fis-seduta tatt-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) gie vverbalizzat li '*Id-Difiza qed tezenta lil Prosekuzzjoni milli tressaq bhala xhieda lil PS 856, PC 1600 u WPS 103 stante li mhux qed tikkontesta l-volontarjeta' tal-IStqarrija u l-jedd ta' rifjut tal-Avukat rilaxxati mill-imputata.*'

Fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) id-Difiza talbet li tigi esebita l-fedina penali aggornata tax-xhud Joseph Meilaq. Intalab ukoll mid-difiza li jsir Social Inquiry Report u l-Qorti kienet laqghet din it-talba u ordnat notifika ta' dan il-verbal lid-Direttur tal-Probation and Parole sabiex jinhatar il-kandidat idoneju.

A fol 469 giet prezentata nota fejn l-Ewwel Qorti giet infurmata li giet nominata l-Ufficjal tal-Probation MaryRose Farrugia biex thejji Social Inquiry Report.

A fol 471 u mmarkata bhala DC1 giet prezentata fedina penali ta' Joseph Meilak.

Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet il-**Probation Officer Maryrose Farrugia** addetta Probation Services and Parole li prezentat Social Inquiry Report li hejjiet in kwantu l-imputata Graziella Apap li gie mmarkat bhala Dok MRF 1. Xehdet li hejjiet ir-rapport u li kkomunikat mal-Ispettur. Dwar il-familja qalet li jidher li Graziella trabbiet sew kif tghid hi u kif qalet ommha meta ghamlet home visit u kelmet lil ommha bhala go familja normali. Il-problemi ta' Graziella bdew meta hi bdiet taghmilha ma' kumpanija li fl-ahhar mill-ahhar wassal biex iltaqghet ma' certu persuna li dahhalha fit-triq tal-prostituzzjoni. Il-fedina penali tindika li minn ghaxar (10) reati 9 minnhom kienu dwar prostituzzjoni. Bhala edukazzjoni ghamlet sa skola sekondarja sa kemm ghalqet is-16 il-sena. Bhala impjieg, Graziella qatt ma kellha mpjieg fiss. Bhala vizzji tad-drogi kienet ghamlet zmien tabbuza mill-cannabis madwar hames (5) snin ilu u skont hi ma abbuzatx iktar mill-cannabis. Xehdet li ruvaw jaghmlu test tal-erina d-Dipartiment pero' ma setghetx taghti sample. Graziella llum ghandha erbat' (4) itfal , tlieta (3) minnhom maghha u wahda fostered u hi ghadha qed tiehu terapija mill-home base therapeutic unit li hi fergha mill-Appogg leap u dawn qed jaghtu terapija lilha u lit-tfal fid-dar taghhom.

A fol 496 giet prezentata nota mill-appellanta fejn esebit sett ta' dokumeti, ossia dokumenti relatat mas-sahha taghha '*stante li tbati minn epilessija u tieħu mediċina fuq bażi ta' kuljum*' inkluz certifikat mahrug mill-consultant neurologist Dr Galea Debono,dokumenti tal-POYC, ittra dwar appuntament il-Well Baby Clinic fl-elfejn u sittax (2016), karta li tghid li Graziella Apap attendiet l-Orthodonic Unit clinic fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) b'timbru tad-Dental Department, ittra datata l-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) mibghuta mill-Agenzija Appogg li tipprovdi li Graziella Apap ghandha erbat' (4) itfal, tlieta (3) minnhom protetti b'Care Order u li l-minuri Kyle u Luke ser jintbaghtu lura mal-omm. Gie prezentat ukoll certifikat mahrug mill-Agenzija Sedqa datat Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013)[8] u dokumentazzjoni dwar *vacancies*.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, l-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi l-Pulizija rceview diversi rapporti minn varji lokalitajiet f'Malta u anke f'Ghawdex fejn persuna kien qieghed izur id-djar ta' anzjani, igeghlhom jahsbu li intbaghat mid-Dar tal-Providenza u jghidilhom li huma kienu rebhu voucher jew somma flus u jikkonvincihom jaghtu donazzjoni pekunarja u jaghtihom ircevuta li kienet tindika li qed tigi mahruga mid-Dar tal-Provvidenza;

2. Meta l-persuni kienu jcemplu jew imorru d-Dar tal-Provvidenza minhabba dan il-minghalihom rebh, kienu jigu nfurmatu li d-Dar tal-Provvidenza ma baghtu lil hadd ihabbat bieb bieb biex jigbor flus u li ma kien hemm l-ebda rebh;

3. Illi Joseph Meilaq gie identifikat bhala l-persuna li kienet qieghda zzur id-djar ta' dawn l-anzjani;

[8] U allura qabel id-data tal-imputazzjonijiet in kwistjoni

4. Illi fl-investigazzjonijiet, Joseph Meilaq ikkonferma l-involviment tieghu u indika lil Graziella Apap bhala li kien imqabbad minnha biex jaghmel dan ghax kienet tezigi li huwa jaghtiha mitt Ewro (€100) kuljum[9];

5. Il-Pulizija mir-residenza ta' Graziella Apap elevat numru ta' oggetti li Meilaq qal li nxtraw bil-flus li kien gabar;

6. Illi ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Graziella Apap u Joseph Meilaq;

7. Illi fil-mori tal-proceduri, Joseph Meilaq ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi prodotti. L-appellant jissottometti li l-unika prova li ngiebet kontra taghha kien l-istess Joseph Meilaq l-imputat li wettaq ir-reati imsemmija, ammetta ghalihom u gie kkundannat ghal erba' (4) snin prigunerija. Tissottometti li kien Joseph Meilaq li deffess lill-appellanta fl-istorja tieghu wara li gie arrestat mill-Pulizija u interrogat stante li l-appellanta Graziella Apap ma giet intralcata f'dawn ir-reati fl-ebda hin.

Joseph Meilaq tressaq il-Qorti flimkien mal-appellanta u kienu qeghdin jinstemghu il-proceduri kontrihom fl-istess kawza pero' fil-mori, Joseph Meilaq ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Tissottometti li stante li Meilaq legalment jitqies bhala komplici, sabiex il-Qorti tqis ix-xhieda tieghu bhala wahda ammissibbli trid tezamina x-xhieda ta' dak ix-xhud b'hafna izjed kawtela minn xhieda ohrajn, aktar u aktar meta ma jkunx hemm provi ohrajn kontra dik l-imputata. L-appellanta taghmel referenza ghal emendi li saru ghar-regoli applikabbli ghal xhieda ta' komplici fl-istess kaz. Tissottometti li qabel l-emendi li dahlu fis-sehh permezz tal-Att XVI tas-sena 2006, il-Ligi kienet kienet tiddetta li meta l-unika xhud ikun dik l-

---

[9] Fix-xhieda tieghu, Joseph Meilaq jghid li kien xtrala oggetti, kien jaghtiha mitt ewro kuljum (€100) mit-Tnejn sas-Sibt u li l-Gimgha kienet tiktiblu lista biex jixtrilha.

istess persuna li tkun komplici fil-kaz, dik l-istess xhieda trid tkun korroborata f'fatti materjali ohrajn sabiex tkun ammissibli, filwaqt li l-appellant ghamel referenza ghall-artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien emendat u li ghalkemm il-Ligi ma ghadhiex tiddetta li xhieda ta' komplici ghandha tkun korroborata b'fatti materjali, il-Ligi xorta tiddetta li dik ix-xhieda ghandha tigi ezaminatha b'kawtela kbira.

L-appellanta tissottometti li z-zewg stqarrijiet moghtija minn Meilaq fil-konfront tal-appellanta ma jistghux jitqiesu bhala ammissibbli fil-konfront tal-appellanta stante li ma jikkostitwixxu l-ebda prova fil-konfront tal-appellanta.

Fi proceduri penali ix-xhieda ghandha dejjem tinghata viva voce quddiem l-akkuzat salv ghal dawk ic-cirkostanzi ohra li tipprovdi dwarhom il-ligi bhal per ezempju meta isiru xhieda bir- rogatorji jew meta xhieda tigi prezentata permezz ta' affidavit kif permess mill-ligi[10].

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta versus Domenic Zammit, Martin Zammit, Joseph Fenech, Lawrence Azzopardi u Gino Calleja'**[11], fejn gie kkunsidrat li:

*'Kwantu għal dawk ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkużati, il-ġurisprudenza, ibbażata kemm fuq il-liġi kif ukoll fuq il-buon sens, hi ċara. Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra akkużat ieħor ma tistax tinġieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkużat l-iehor sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittivament deċiż. Dan il-prinċipju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-iehor – b' mod li jkun hemm "ko-akkużat" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun ġiet akkużata fi proċeduri separati...'*

Fis-sentenza fl-ismijiet: **'Il-Pulizija (Spt. D. Zammit) Vs Omissis Saada Sammut'**[12] gie kkunsidrat ukoll li:

***'Fil-waqt li l-Ewwel Qorti kienet korretta legalment meta qalet li ma tistax tqis l-***

---

[10] Artikolu 360A tal kodici Kriminali .
[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju, 1998
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Novembru, 2006 (Appell Kriminali Numru: 264/2006)

***istqarrija ta' kull wiehed miz-zewg ko-imputati kontra xulxin a tenur tal-artikolu 661 fuq citat u ghamlet sew meta ghamlet hekk, kienet skorretta meta qalet jew implikat li setghet tqis ix- xhieda tal-ko-imputat kontra l-ko-imputata l-ohra, l-appellanti odjerna, jekk ikollha "cirkostanzi ohra li jservu ta' provi biex jikkorroboraw dak li qal l- imputat" cioe' ko-imputat.***

***Illi l-pozizzjoni korretta hija li jghidu x' jghidu ko- imputati jew ko-akkuzati kontra xulxin qatt ma jista' jiswa bhala prova kontra l-ko-imputat/I jew ko-akkuzat/I iehor jew ohrajn. Din ir-regola giet sahansitra interpretata w estiza mil-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati lanqas ma jkunu producibbli kontra xulxin, hlief meta il-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament. Hu biss hawn li mbaghad tiskatta r-regola procedurali kontenuta fl- artikolu 639 (3) li d-depozizzjoni tal-komplici wahedha ma tkunx bizzejjed jekk ma tkunx korroborata b' cirkostanzi ohra.***

***Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b' Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza*** *"Ir- Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia"* ***. Dik il-Qorti, f' dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall- gurisprudenza hemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko- awtur, bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat l- iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "ko- akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza*** *"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella"*[13] ***u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal- istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed.***

[13] Deciz fl-4 ta' Frar, 2004

***Ghalhekk, f' dan il-kaz hu ovvju li ladarba l-appellanti w Tarek Ayari kienu ko-imputati w akkuzati bl-istess reat, mhux biss l-istqarriji taghhom rispettivi ma setghux jaghmlu prova kontra l-ko-imputat/a imma lanqas ix-xhieda li taw quddiem l-Ewwel Qorti ma setghu jitqiesu bhala prova fil-konfront tal-ko-imputat jew ko-imputata l-ohra. Ghalhekk hawn non si tratta tal-htiega o meno ta' korroborazzjoni kif donnha induciet lil Qorti biex tghid zbaljatament id-difiza tal-appellanti fit-trattazzjoni taghha – zball tad-difiza wkoll ripetut fir-rikors tal-appell - imma ta' prova li ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti, ghax dak li jixhed ko-imputat ma jiswiex bi prova la favur u lanqas kontra ko-imputat iehor.'*** (Dati tas-sentenzi citati fis-sentenza citata jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Carmelo Camilleri u Theresa Agius'**[14] gie kkunsidrat li:

*'Issa, hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat iehor. Dan il-prinċipju jitnissel kemm mill-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-artikolu 636 (b) ta' l-imsemmi kodiċi. Infattii l-ġurisprudenza tagħna rikonoxxiet ukoll l-inammissibilita' tax-xhieda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż; ara inter alia,* ***R vs Carmelo Cutajar ed altri***,[15]; ***P. vs Toni Pisani***;[16]; ***R. vs Karmnu Vella***;[17]; ***P. vs Alfred W. Luck et***;[18]; *u* ***P. vs Nicholas Grima***;[19]; *kollha appelli kriminali;'* (Dati tas-sentenza citati f'din is-sentenza jinsabu fin-noti ta' qiegh il-pagna.)

Ikkunsidrat;

L-appellanta fir-rikors tal-appell taghha talbet l-isfilz ta' dawn iz-zewg stqarrijiet. Illi meta Joseph Meilaq irrilaxxa l-istqarrijiet nhar id-disgha (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) immarkata bhala JF12 a fol 59 et sequitur u l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) immarkata bhala JF13 a fol 64 et sequitur,

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju, 1997
[15] Deciz fit-18 ta' Jannar, 1927 (Vol.XXVI.IV.758)
[16] Deciz fil-11 ta' Novembru, 1944 (Vol.XXXII.IV.792)
[17] Deciz fit-3 ta' Dicembru, 1947 (Vol. XXXIII.IV.547)
[18] Deciz fl-24 ta' April, 1949 (Vol.XXXIII.IV.870)
[19] Deciz fil-31 ta' Mejju, 1958 (Vol.XL11.IV.1393)

il-Pulizija kienu ghadhom fl-istadju investigattiv u ghalaqstant il-proceduri fil-konfront ta' Joseph Meilaq kienu ghadhom ma gewx decizi. In vista ta' dak li intqal aktar l' fuq, din il-Qorti ser tilqa' it-talba ghall-isfilz taghhom u tordna l-isfilz taghhom minn dawn l-atti stante li tali prova hija inammissibli fil-konfront tal-appellanta. L-istess pero' ma jistax jinghad dwar ix-xhieda moghtija minn Joseph Meilaq fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) quddiem l-Ewwel Qorti fejn huwa kien ikkonferma li ma appellax mis-sentenza u li kien qieghed jiskonta erba' (4) snin prigunerija u dan ghaliex tali xhieda inghatat viva voce quddiem l-istess appellanti. Dak kollu lil Joseph Meilaq qal viva voce il Qorti ser jinghata piz bil-kawtela hawn isfel imsemmija.

L-appellanta taghmel referenza ghall-artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

'*Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.*'

Illi kif tissottometti l-appellanta, il-Qrati ghandhom juzaw certu kawtela meta jigu biex jiznu u jevalwaw xhieda moghtija minn ko-akkuzat wara li l-proceduri kontrih ikunu intemmu. Joseph Meilaq fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) spjega kif l-appellanta kienet titolbu mitt ewro (€100) kuljum. Spjega li '*Ghax imbaghad qaltli isma' qaltli inti ghandek idea. Ghidtilha imma jien mhux ha nerga' naghmel dawn l-affarijiet.*' Mistoqsi x'idea hi, wiegeb '*Idea li toqghod tmur tigbor il-flus u affarijiet hekk insomma.*' Spjega li '*Ghidtilha isma' ghidtilha dawn l-affarijiet nibza' naghmilhom ghidtilha, ghidtilha ghax ghaddejt mill-esperjenza ghidtilha rrid noqghod bil-ghaqal ghidtilha ma rridx nerga' naghmel kummidji nsomma. Qaltli jien irrid narma d-dar nsomma u bdiet, qaltli isma' qaltli trid iggibieli mija (100) kuljum ta'.*' Spjega '*U bdiet tghidli wara ftit qaltli le qaltli trid tmur tikkwista ta' qaltli inti ghandek l-esperjenza bdiet qaltli biex immur nigbor. U nsomma mort u tajtha u riedet tixtri Plasma fifty (50) inch u dan. U dal-Plasma nsomma ghiditlha, ghidtilha isma' ghidtilha nista' nkellmek jiena kien il-Gimgha ghidtilha nista' nkellmek. Qaltli iwa qaltli xi trid? Qaltli gibthomli l-flus. Qaltli kemm kwistjat? Ghidtilha isma' ghidtilha jiena qed nibza naghmel hekk ghidtilha ghax ha*

*titfani hemm gew. Qaltli ara qaltli inti habbat biex wiehed u qaltli oqghod mohhok hemm li ma jaqbdukx. Qaltli inti taf kif ghandek taghmel. Qaltli jien ma nigiex, qaltli ghax jiena jekk nigi jkunu jafu li jiena ukoll insomma.'*

Spjega li '*Imbaghad bdiet theddid, qaltli jien lilek taf x'naghmillek jekk tikxifni qaltli noqtlok qaltli u narmik il-bahar u ma jsibukx. U jiena u darba minnhom bdiet riedet tablet kien il-Gimgha kien il-Gimgha u riedet Tablet. Ghidtilha isma' ghidtilha jien mhux ha noqghod nixtrilek l-affrijiet ghidtilha ahjar inkompli nahdem ghidtilha int tahdem u jien nahdem ghidtilha u noqghodu bil-ghaqal. Qaltli hajti tieghi u naghmel li rrid insomma.*' Kompla jispjega '*U bdiet qaltli isma' qaltli ghada trid tmur tikkwistali mija (100) ta' qaltli biex iggibli mija (100) kuljum, u bdejna nsomma u bdiet theddidni hafna theddid u kliem oxxen u anke darba minnhom konna bdejna nsomma konna qeghdin mexjin ha nwassalha tirregistra u qabdet ittini...*' Jghid li xtralha plasma fifty (50) inch, thirty two (32) inch, play station 4[20], statwi biex izzejjen id-dar. Huwa xehed dwar l-oggetti ossia t-televizjonijiet, hgiega tal-mejda, l-istatwi, it-tablet li jidhru fir-ritratti a fol 85 imarkati bhala JF29 sa JF38. Jikkonferma li xtrahomla u li kien jaghtiha mija (100) kuljum mit-Tnejn sas-Sibt u li l-Gimgha kienet tiktiblu lista biex jixtrilha.

Spjega li '*Kienet tghidli isma' tmurx bil-karozza ghax jekk isibuhielek jigbduhielek. nghidilha naqbad u mmur b'tal-linja.*' Huwa spjega kif kien jghid lin-nies li rebhu voucher mid-Dar tal-Provvidenza, jghidilhom li se jtihom l-ircevuta u jaghtuh '*ezempju erba' mija (400) bil-quddiem u morru d-Dar tal-Provvidenza ssarfuh il-voucher. Imbaghad ituni erba' mija (400) u hekk u ma, imorru d-Dar tal-Provvidenza u ma jsibu u ma jsibu assolutament xejn.*' Jghid li jikkalkulha li gabar xi tmint'elef (€8,000) izda ma jafx. Jghid li l-flus hadithom kollha hi, li hu ma ha assolutament xejn minnhom. Xehed li darba giet mieghu l-appellanta u ma kwistat xejn. In kontro-ezami mistoqsi '*Meta kont tmur titlob il-flus minghand in-nies b'ritratti ta' tarbija tippretendi li ghandek tarbija*' wiegeb '*Mhux tat-tarbija kienu, kienu.*' Mistoqsi '*Kont tafha lil Graziella Apap ghal li jista' jkun?*' wiegeb '*Le qabel ma kontx nafha imma veru kont ghamitlha imma mbaghad bdejna bl-idea u bdiet hi ukoll u spicca qaltli erga aqbda dak il-vizzju u qaltli inti tinqala'. Giet darba mieghi tigbor Hal Qormi u hekk qaltli jien ma ninqalax ta' qaltli mela ibda mur inti gibli inti.*'

[20] Ritratt ta' din il-play station 4 ma giex esebit u ghalhekk ma jirrizultax jekk instabitx ghand l-appellanta.

Mistoqsi '*U skond int Graziella Apap tatek l-idea jigifieri?*' wiegeb '*Le, mhux bdejniha t-tnejn (2), it-tnejn (2).*'

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti tinnota li f'partijiet mix-xhieda ta' Joseph Meilaq huwa jaghti l-impressjoni li kienet l-appellanta li qaltlu biex jibda jmur jigbor il-flus tant li kienet tisfurzah waqt li in kontro-ezami meta mistoqsi jekk kinitx l-appellanta li taghtu l-idea, wiegeb '*Le, mhux bdejniha t-tnejn (2), it-tnejn (2).*'

L-appellanta tissottometti li '*Il-fatt wahdu li x-xhud Meilaq indika l-fatt li hu kien xtara washing machine lill-esponenti bil-flus migbura mid-donazzjonijiet, ma jfissirx u ma jirrizultax illi gieghlitu hi jixtrilha l-washing machine, izda l-unika fatt li jirrizulta hu li Meilaq xtara washing machine bil-flus li gabar hu stess.*' Dwar il-kwistjoni tal-washing machine, Joseph Meilaq fix-xhieda tieghu mistoqsi jekk hi talbietilu jew hu qalilha li ha jmur jixtrihilha wiegeb '*Talbithieli hi ghax qaltli m'ghandiex biex nahsel u mbaghad jiena mort ghidtilha isma' ghidtilha ha nixtrilek washing machine imma bil-flus tax-xoghol dakinhar kienet.*' Kompla jixhed '*U nsomma qaltli isma' qaltli ixtrihieli ta' bdiet iccempilli filghaxija qaltli, kont mal-habib tieghi konna qeghdin nikinsu Ta' Sliema ahna. U bdejna nikinsu u bdiet iccempilli u kelli l-mobile mitfi jien, ghax jiena waqt ix-xoghol nitfi l-mobile u ma rridx noqghod incempel u hekk. Ukoll qalli isma' qalli dik ha tixtrihielha l-washing machine? Ghidtlu, ghidtlu imma tini cans ha naqbad il-paga..*' Minn din ix-xhieda ma jirrizultax li l-*washing machine* kif bhal donna qieghda tallega l-prosekuzzjoni inxtrat mill-flus migbura b'mod frawdolenti izda Joseph Meilaq xehed li inxtrat mill-paga tieghu, tant li xehed li '*Talbiethieli hi ghax qaltli m'ghandiex biex nahsel u mbaghad jiena mort ghidtilha isma' ghidtilha ha nixtrilek washing machine imma bil-flus tax-xoghol dakinhar kienet.*'

L-appellanta tissottometti li l-inaffidabbilita' u l-karattru refrettarju tax-xhud Joseph Meilaq ma ttiehditx in konsiderazzjoni meta l-Ewwel Qorti giet tezamina l-kaz. Tissottometti li meta Qorti tigi biex tezamina xhud trid tezaminah *ai termini* tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.

Dan l-artikolu jaqra li:

*'L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:*
*Iżda attenzjoni partikolari għandha tingħata sabiex jiġi assigurat li evidenza relatata mal-istorja u l-imġiba sesswali tal-vittma ma tkunx permessa sakemm ma tkunx relevanti u neċessarja.'*

Skont l-appellanta, Joseph Meilaq ma jissodisfa l-ebda mir-rekwiziti taht dan l-artikolu u dan stante li '*Meilaq mhux talli ma kienx konsistenti fl-istqarrijiet u x-xhieda tieghu, u mhux talli wkoll ix-xhieda tieghu ma kellhiex mis-sewwa, talli ghandu kondotta u karattru refrattarji.*' Tissottometti li mill-fedina penali jirrizulta li huwa bniedem recidiv u mhux wicc gdid ghall-Qorti u li instab hati ghal mhux inqas minn seba' (7) darbiet mill-Qrati in konnessjoni ma' imputazzjonijiet kwazi identici tal-kaz odjern, tissottometti li Meilaq kien jigbor donazzjonijiet minghand in-nies ghall-karita' b'mod frawdolenti u iqassam biljetti foloz u kien skonta piena karcerarja qabel iltaqa' mal-appellanta.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti taqbel mal-appellanta fis-sens li l-fedina penali ta' Joseph Meilaq titkellem wahedha, tant li jirrizulta li ghandu kondotta u karattru refretarji u ghalhekk ix-xhieda tieghu trid tigi evalwata b'kawtela kbira. Filfatt, b'harsa lejn il-fedina penali ta' Joseph Meilaq, jirrizulta li huwa instab hati diversi drabi tar-reat ta' frodi b'eghmil qarrieqi fost numru ta' reati ohra. Ghalhekk jirrizulta li din ma kinitx l-ewwel darba li gabar flus bi skop qarrieq, kif wara kollox huwa anke kkonferma li kien skonta piena karcerarja. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tifli x-xhieda tieghu biex tizen jekk dak li xehed, setghetx tistrieh fuqu. In oltre, dan ma kienx sempliciment xhud komplici, izda komplici b'passat xejn onoruz skont kif jirrizulta mill-fedina penali tieghu. L-Ewwel Qorti kienet f'posizzjoni vantagguza peress li kellha l-opportunita' li tifli u tisma' l-provi kollha inkluz ix-xhieda ta' Joseph Meilaq

u ghalhekk setghet tifli l-komportament ta' dan ix-xhud waqt li ddepona quddiemha. L-Ewwel Qorti kkunsidrat li:

*'Illi d-Difiza tikkontendi li Joseph Meilaq m' huwiex xhud attendibbli fost affarijiet ohra minhabba l-fedina penali tieghu. Illi din il-Qorti izda ma ssib l- ebda raguni il-ghala ghandha tiskarta dak li qal Meilaq in kwantu jirrigwarda l-involviment tal-imputata fl-iskema tal-gbir tal-flus b' mod ghal kollox frawdolenti u dan ghal diversi ragunijiet. L-ewwel u qabel kollox Meilaq dejjem sostna l-istess verzjoni tal-fatti. Inoltre huwa dejjem ammetta l- involviment tieghu u fil-fehma tal-Qorti huwa ma kellu xejn x' jigwadanja billi jindika l-imputata bhala l-persuna l-ohra nvoluta mieghu fl-iskema frawdolenti ta' gbir ta' flus. Din il-Qorti tinsab moralment konvinta li Meilaq qed jghid il-verita' ghaliex il-fatti minnu indikati huma korroborati minn provi ohra bhal per ezempju il-fatt li l-oggetti minnu indikati kollha nstabu fid-dar tal-imputata. Din il-Qorti setghat tikkonstata li filwaqt li l-imputata indikat li l-oggetti li nstabu fir-residenza taghha kienu ilhom ghandha mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni effettivament irrizulta li dawn l-istess oggetti kienu ghadhom kemm inxtraw ghaliex instabu l-ircevuti relattivi.'*

Illi tenut kont li din il-Qorti qieghda tiddikjara z-zewg stqarrijiet rilaxxati mix-xhud Joseph Meilaq bhala inammissibli fil-konfront tal-appellanta tant li ordnat l-isfilz taghhom minn dawn l-atti u in vista li minkejja li skont il-verbal tal-Ewwel Qorti datat it-tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) id-Difiza kienet ezentat lil Prosekuzzjoni milli tressaq bhala xhieda lil PS 856, PC 1600 u WPS 103 stante li ma kinitx qieghda tikkontesta l-volontarjeta' tal-istqarrija u l-jedd ta' rifjut tal-Avukat rilaxxati mill-imputata, din il-Qorti ma hjiex sejra tikkunsidra l-istqarrija rilaxxata mill-appellanta, u dan tenut kont tal-fatt li fis-seduta ta' quddiem din il-Qorti ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) l-Avukat Generali qabel li l-Qorti ma ghandiex taghti piz lill-istqarrija mill-appellanta. Ghalhekk din il-Qorti la tista tezamina jekk Meilaq biddilx il-verzjoni li ta' fl-istqarrijiet ghal dik li ta' quddiem l-Ewwel Qorti bhal kif lanqas ma tista tezamina jekk dak li l-appellanta qalet fl-istqarrija jikkombacax ma dak sottomess fl-appell. Wara kollox, l-appellanta kif kellha kull dritt li taghmel, ma xehditx quddiem l-Ewwel Qorti. Ghalhekk din il-Qorti trid tizen u tevalwa dak li xehed Joseph Meilaq quddiem l-Ewwel Qorti mar-rizultanti processwali ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat;

L-appellanta ssottomettiet li ma kienx xejn *safe and satisfactory* li l-Ewwel Qorti ssib lill-appellanta hatja tal-imputazzjonijiet kollha migbura konta taghha stante li skontha ma giex sodisfacentement ippruvat li l-appellanta kienet involuta fil-kaz odjern jew li gieghlet lil Meilaq imur jittallab il-flus. Dwar l-apprezzament tal-fatti li din il-Qorti qieghda tintalab li taghmel, kif irrietenew il-Qrati diversi drabi, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha. Kif gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. A. Zammit) Vs Faical Mahouachi'**[21]

*'Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il- Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is- sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[22]" ; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** [23]" ; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[24]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[25]" u ohrajn .)'* (Emfazi mizjuda u d-dettalji dwar is-sentenzi citati jinsabu fin-noti fil-qiegh tal-pagna).

Skont l-appellanta hemm diversi provi prodotti mill-Prosekuzzjoni li juru kemm l-appellanta ma kellha l-ebda involviment fil-kaz odjern izda spiccat akkuzata

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Jannar, 2006 (Appell Kriminali Numru: 244/2005)
22 Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali fit-12 ta' Mejju, 1994.
23 Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali fl-14 ta Frar, 1989
24 Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali fil-31 ta Mejju, 1991
25 Deciz mill-Qorti tal-Appellli Kriminali fil-31 ta Mejju, 1991

intortatment bir-reati a skapitu ta' Joseph Meilaq wara li hu mar jirrisjedi mal-appellanta u '*ghamlitlu pjacir u zammitu ghandha.*'

Illi l-appellanta tissottometti li l-Prosekuzjoni tenniet ill l-Pulizija li ghamlu ttfittxija fir-residenza tal-appellanta sabu diversi oggetti li kienu ghadhom jidhru godda u dan minkejja li kienet tghix bil-beneficcji socjali. Tissottometti li kienet taghmel xoghol iehor biex taqla' l-ghixien taghha u dan kif jidher mill-*massage couch* li nstab fir-residenza taghha u l-messaggi li nstabu fuq il-*mobile phone* taghha u karti misjuba fir-residenza. Tissottometti li meta l-pulizija ezegwiet is-*search warrant* fir-residenza tal-appellanta, instabu zewg (2) ricevuti tad-Dar tal-Provvidenza li ma jwasslu ghall-ebda prova kontra l-appellanta stante li mill-provi jirizulta li Joseph Meilaq kien qieghed jirrisjedi fl-istess residenza u huwa ghalhekk biss li nstabu dawn l-ircevti u mhux ghax kienu tal-appellanta.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghal fatt li meta xehed Joseph Meilaq fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) in kontro-ezami xehed li '*ghamilt gimghatejn noqghod ghandha, gimghatejn nghix ghandha dejjem.*' Ghalhekk jirrizulta fatt inkontestat li l-appellant ghamel zmien jghix mal-appellanta. Fl-appell, l-appellanta taghti x'tifhem li minkejja li kienet tircievi beneficcji socjali hija kellha xoghol li taghti l-*massages*, tant li fir-rapport tal-espert tekniku Dr. Steven Farrugia Sacco a fol 410 et sequitur, senjatament il-pagna ta' wara fol 422 gew prezentati numru ta' messaggi fejn persuni qeghdin jistaqsu dwar *massages*. Mir-rikors tal-appell, din il-Qorti ghalhekk qieghda tifhem li l-appellanta qieghda indirettament tghid li l-oggetti misjuba ghandha xtrathom minn flusha. Tant li tissottometti li '*l-esponenti kienet taghmel xoghol iehor, li minnu kienet taqla' l-ghixien taghha, u dan kif jidher kemm mill-massage couch li instab fir-residenza taghha, kemm mill-messaggi li instabu fuq il-mobile phone taghha u kif ukoll minn xi karti li kienu nstabu fir-residenza taghha stess.*' Waqt li dwar l-ircevuti tad-Dar tal-Provvidenza misjuba fir-residenza taghha tghid li dawn ma jwasslu ghall-ebda prova konkreta li ma jhallu l-ebda dubbju f'mohh il-gudikant kontra l-appellanta peress li Joseph Meilaq kien qieghed jirrisjedi fl-istess residenza tal-appellanta.

Illi meta xehed l-Ispettur Jonathan Ferris quddiem l-Ewwel Qorti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) spjega li '*Dak il-hin ahna u nelevaw, nghid illi dak il-hin ahna u niehdu l-affarijiet jiena kelli l-karozza tieghi ma wesghatniex biex nigbor dawk l-afarijiet rega' kelli konfront kemm xejn battibekk jahraq mas-Sinjura Apap ghaliex din bdiet tghidli li dawk l-affarijiet ilhom ghandha, dawk l-affarijiet huma ta' sid il-kera meta l-kera kif ghidt il-post huwa tal-housing. Bdiet tghidli li dawk l-affarijiet mhux vera mixtrijin ricentament. Meta jiena qbadt wahda minn dawn l-imberkin tigri beix innizluha 'l isfel beda jaqa' l-jablo minnha. U qaltli li dawk kienu ilhom hemm. jien ghidtilha tahthom huwa nadif, kif ghollejtha waqa' l-jablo deduzzjoni plus l-ircevuta li kienet mixtrija xi hmistax qabel...*'

L-appellanta tissottometti wkoll li mix-xhieda tad-derubati ta' Joseph Meilaq hu u jdur bieb bieb jigbor id-donazzjonijiet ghad-dar tal-Provvidenza indikaw lil Joseph Meilaq biss u fl-ebda hin ma semmghu li qatt raw mara mieghu u ghalhekk kollha semmghu ragel liebes beritta u kien wahdu. Din il-Qorti taqbel li d-derubati li xehdu quddiem l-Ewwel Qorti ma indikawx li kien hemm mara ma' Meilaq waqt li dar bieb bieb ghad-donazzjonijiet. Filfatt din il-Qorti tinnota li ma xehdux il-vittmi kollha indikati fl-ewwel (1) akkuza. L-Ispettur Ferris fix-xhieda tieghu ta' nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) jindika li kien hemm '*complainant*' li rraporta li kienu koppja ragel u mara. Fi kliem l-Ispettur Ferris '*qabbadt lis-surgent WPS 103 Marcelle Farrugia mill-ufficju tal-iSpettur Abdilla jigifieri ufficju ndipendenti minn tieghi, wiehed mir-rapporti jien ghandi illi l-complainant kien irrimarka li kienu koppja ragel u mara. Allura jien qabbadt lil din is-Surgent lil WPS 103 sabiex iccempel lil dan il-complainant u tivverifika mieghu dawn l-affarijiet. Il-complainant lil din is-Surgent fil-prezenza tas-Sinjura Apap li jiena naghrafha fl-Awla ta' deskrizzjoni ezatta tas-Sinjura Apap fosthom li kellha xaghra twil iswed strikjat bl-isfar. Joseph Meilaq stess kien ikkonfermalna li dikinhar kienet mieghu u li dan il-complainant ma tahomx flus u ghaldaqstant skond ma qal is-Sur Meilaq issuppervjat u marret ghand il-genituri taghha.*'

Illi minkejja li skont kif xehed l-Ispettur Ferris, dan il-persuna irraporta li kien hemm kopja, ossia ragel u mara jigbru u li skont l-Ispettur Ferris iddeskriviha bl-istess dehra tal-appellanta, hadt mill-kwerelanti li ttelghu jixhdu ma xehdu li kien hemm mara tigbor mar-ragel li indikaw bhala Joseph Meilaq u ghalhekk hadt ma indika lill-

appellanta bhala li kienet qieghda tigbor ma' Meilaq. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkunsidra li l-appellanta ntaghrfet meta hadd mix-xhieda li ttelghu jixhdu ma kkonfermaw li kienet qieghda ddur bieb bieb ma' Joseph Meilaq. L-identifikazzjoni f'kazijiet bhal dawn tista' tkun krucjali[26]. Naturalment il-fatt li persuna ma tkunx marret fizikament thabbat bieb bieb max-xhud Meilaq ma jfissirx li hi ma kienitx il-mohh wara l-kummissjoni tar-reati u lanqas ma jfisser li ma kellhiex involviment fir-reati.

Jirrizulta ukoll li skont numru ta' relazzjonijiet esebiti minn PS 74 Mark Chetcuti nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn kien ghamel ezamijiet komparattivi ta' impronti digitali kif ukoll palmari in konnessjoni ma rcevuti, dokumenti, biljetti li kienu in knnessjoni mad-Dar tal-Providenza, uhud minnhom qablu ma' Joseph Meilaq izda ma giet prezentata l-ebda rizultanza ta' impronti digitali jew palmari li jaqblu ma dik tal-appellanta.

Illi l-appellanta tissottometti li Joseph Meilaq deffisha fl-istorja sabiex ikun ta' vantagg ghalih u dan tenut kont ukoll tal-karattru refrettarju tieghu. Tissottometti li l-verzjoni li ta' Meilaq stess kienet kunfliggenti u dan stante li filli qal li hu kien izomm biss tmien ewro (€8), imbghad tenna li kien ser izomm mitt ewro (€100) ghalih u fl-ahhar meta saret is-search fil-karozza tieghu instab izjed minn hames mitt ewro (€500). Tissottometti ukoll li l-fatt li kien jirrisjedi f'hafna lukandi, huwa fatt wahdu li jixhed li zgur mhux forsi ma kienx izomm tmien ewro (€8) biss, aktar u aktar meta hu stess stqarr li kien imur fil-lukandi mill-flus li kien jigbor mid-djar. Skont l-appellanta, Meilaq mhuwiex persuna affidabbli tenut kont li hu stess tenna li kien jaghti flus lill appellanta biex taghtih lura sexual favours.

Illi meta Joseph Meilaq xehed quddiem l-Ewwel Qorti fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehed li lil Graziella Apap kien xtralha l-oggetti li xehed dwarhom, kien jaghtiha mija (100) kuljum mit-Tnejn sas-Sibt u li l-Gimgha kienet tiktiblu lista biex jixtrilha. Meta mistoqsi x'ghamel bihom il-flus li gabar, wiegeb '*Hadithom kollha hi. Jien assolutament, tghidli mhux qieghed il-Habs ghalxejn, assolutament xejn ma hadt.*' L-appellanta minkejja li talbet li l-istqarrijiet ta' Meilaq jigu

[26] Enfasi ta din l-Qorti

dikjarati bhala inammissibbli, rreferiet ghal kontenut taghhom meta kkomparat dak li fl-istqarrijiet Meilaq qal li kien izomm ghalih u li kien ihallas ghal weekend breaks f'lukandi minn ammonti migbura, ghal dak li xehed quddiem l-Ewwel Qorti ossia li l-appellanta kienet tiehu l-flus kollha hi. Tenut kont li din il-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza laqghat it-talba tal-appellanta u ordnat l-isfilz taz-zewg stqarrijiet rilaxxati minn Joseph Meilaq fl-istadju tal-investigazzjoni, din il-Qorti hija prekluza milli tirreferi ghal kontenut tal-istqarrijiet rilaxxati minn Joseph Meilaq u tikkompara dak li Joseph Meilaq qal fl-istqarrijiet ma dak li xehed quddiem l-Ewwel Qorti. Ghalhekk, din il-Qorti trid tevalwa x-xhieda ta' Joseph Meilaq moghtija quddiem l-Ewwel Qorti irrispettivament ta' dak li ntqal fl-istqarrijiet rilaxxati minnu li gew sfilazati minn din il-Qorti, u tasal ghal konkluzjoni jekk tistax tistrieh fuq dak li xehed u jekk jirrizultawx bizzejjed provi sabiex din il-Qorti tikkonferma l-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti mhijiex konvinta li Joseph Meilaq ma zamm xejn mill-flus migbura bil-mod frawdolenti.

Anke jekk quddiem l-Ewwel Qorti huwa ma xehedx dwar 'weekend breaks' f'lukandi, mill-atti jirrizultaw numru ta' dokumentazzjoni dwar '*stays*' f'lukandi f'Ottubru u Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u dan skont id-dokumenti li jidhru a fol 52 u mmarkati bhala Dok JF2 fejn hemm ammont ta' dokumentazzjoni rigwardanti lukandi b'dati fosthom 'Arrival 6/7 Departure 8/10', ohrajn bid-dati '1/10/14', '6/10/2014', '18/10/14' u check in 0'6-11-14' u check out '08-11-14' b'uhud mid-dokumentazzjoni f'ismu izda fejn isem l-appellanta ma jirrizultax.

L-appellanta tissottometti ukoll li mhux minnu li Meilaq kien taht koerzjoni peress li mhux biss ma ghamilx rapport mal-Pulizija rigward theddid u ingurji izda li Meilaq ma gab ebda tip ta' prova li huwa kien taht koerzjoni mill-appellanta biex jaghmel l-atti in kwistjoni. Kif issottomettiet l-appellanta fir-rikors taghha l-koerzjoni ma kinitx il-linja difensjonali ta' Meilaq skont dak ma jirrizulta mill-atti, tant li huwa stess ammetta ghall-imputazzjonijiet u gie kkundannat ghal erba' (4) snin prigunerija. Tissottometti li tant kemm Meilaq ma kienx taht koerzjoni mill-appellanta li la qajjem

dik il-linja difensjonali fil-kaz li jikkoncerna lilu u stqar li kien imur jorqghod ghand l-appellanta minn jeddu u kien ikun irid li taqdih sesswalment.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra tikkunsidra l-invoices u ircevuti esebiti mill-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti. L-invoice a fol 72 immarkata bhala JF19 mahruga minn Vella 33 mhijiex datata izda tghajjat lil Graziella Apap filwaqt li t-tieni invoice ukoll mahruga minn Vella 33 a fol 72A hija indirizzata lil 'Apap' it-tnejn bl-indirizz 'Frizja Court Flat 5, Triq Santa Margerita, Siggiewi', din ukoll mhijiex datata. Giet prezentata mill-prosekuzzjoni invoice mahruga min Dallas 2000 li hija indirizzata lil 'Graziella' bl-indirizz u ghalkemm l-invoice mhijiex datata, id-data fuq l-ircevuta annessa u li tinsab a fol 74 ghalkemm mhux daqtstant cara taqra '10-2014' u ghalhekk din il-Qorti qieghda tifhem li d-depozitu thallas f'Ottubru. A fol 73 immarkata bhala JF20 giet esebita folja ta' notebook ta' Topaz Hotel b'notamenti fosthom 'Toshiba', 'Yamaha', 'Digital zone', prezzijiet u notamenti ohra.

Minn naha l-ohra, l-ircevuta mahruga minn MPC Mobile Phone Centre a fol 76 u mmarkata bhala JF22 hija datata t-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u indirizzata lil Joseph Mejlaq. Filwaqt li l-invoice mahruga minn Sathobby dwar 'miia-tv-50-fullhd' ghalkemm ma tnizzilx l-isem tal-klijent hija datata l-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014). L-invoice mahruga minn Top Choice dwar '*A TV TELEFUNKEN 32' LED...*' ukoll ma ghandhiex isem il-klijent imnizzel izda tnizzlet id-data tal-invoice u tal-ircevuta jaqraw it-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014). L-ircevuta a fol 79 u mmarkata bhala JF 25 mahruga minn Louis Jewellery hija datata s-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) izda ma tnizzilx isem il-klijent, filwaqt li dik mahruga minn S.Debono Jewellers a fol 81 u mmarkata bhala JF26 hija datata t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u indirizzata lil Graziella Apap. L-ircevuta mahruga minn 'The gift Lane' li tinsab a fol 80 annessa mal-ircevuta ta' S. Debono Jewellers hija datata t-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) izda ma hemmx imnizzel isem il-klijent pero' din il-Qorti qieghda tifhem li din hija abbinata mal-invoice ta' S. Debono Jewellers mahruga f'isem Graziella Apap. L-istess jigi

kkunsidrat dwar l-invoice l-ohra mahruga minn S. Debono Jewellers datata l-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) indirizzata lil Graziella Apap u ircevuta mahruga minn 'The Gift Lane' li ghalkemm mhux bl-isem tal-klijent hija datata t-tlieta u ghoxrin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) hija annessa mal-invoice tal-S. Debono Jewellers u ghalhekk din il-Qorti tifhem li hija abbinata ma' din l-invoice.

B'referenza ghall-oggetti li jidhru fir-ritratti a fol 85 minn Dok JF29 sa JF38, Joseph Meilaq wara li xehed dwarhom, mistoqsi mill-Qorti '*Kollha xtrajthomlha inti dawn?....*' Wiegeb '*Dawk ijja u plus kont intiha mija (100) kuljum mit-Tnejn sas-Sibt tajjeb, il-Gimgha kienet tiktibli lista biex nixtrilha. Kienet tghidli isma' issa xtrili li nigbor u tghidli mur ixtrili dan u xtrili dan u jien meta kont immur nigbor bbir-roghda f'idejja kont immur.*'

Mill-atti processwali u minn dak li xehed Joseph Meilaq quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti qieghda tasal ghal konkluzjoni li l-oggetti li gew elevati mill-Pulizija mir-residenza tal-appellanta, huma oggetti li nxtraw mill-flus migbura mill-iskema frawdolenti u ghalhekk qieghda tiskarta ghal kollox is-sottomissjoni tal-appellanta fl-appell taghha fejn minhabba x-xoghol li fl-appell taghha tghid li kienet taghmel ta' massaggi, taghti x'tifhem li setghet xtrathom minn flusha. Minkejja li l-messaggi li jidhru fir-rapport redatt minn Dr Steven Farrugia Sacco senjatament il-pagna ta' wara fol 422 jikkonfermaw li persuni kienu qeghdin jitolbu s-servizz ta' massages, din il-Qorti ma temminx li l-appellanta xtrat l-oggetti mill-ghixien taghha. L-appellanta ma rnexxielex tipprova dan fuq bazi ta' probabilita'. In oltre, din il-Qorti qieghda ukoll tiehu in konsiderazzjoni ta' kuntradizzjonijiet li dwarhom xehed l-Ispettur Ferris fejn spjega li '*Dak il-hin ahna u nelevaw, nghid illi dak il-hin ahna u niehdu l-affarijiet jiena kelli l-karozza tieghi ma wesghatniex biex nigbor dawk l-afarijiet rega' kelli konfront kemm xejn battibekk jahraq mas-Sinjura Apap ghaliex din bdiet tghidli li dawk l-affarijiet ilhom ghandha, dawk l-affarijiet huma ta' sid il-kera meta l-kera kif ghidt il-post huwa tal-housing. Bdiet tghidli li dawk l-affarijiet mhux vera mixtrijin ricentament. Meta jiena qbadt wahda minn dawn l-imberkin tigri beix innizluha 'l isfel beda jaqa' l-jablo minnha. U qaltli li dawk kienu ilhom hemm. jien ghidtilha tahthom huwa nadif, kif ghollejtha waqa' l-jablo deduzzjoni plus l-ircevuta li kienet mixtrija xi hmistax qabel...*'

Dwar l-imputazzjoni tar-ricetazzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Vs Alfred Brown'</u>**[27] fejn f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irrevokat fejn l-Ewwel Qorti sabitu hati tal-imputazzjoni ta' ricetazzjoni u lliberatu minn kull htija u piena. F'dik is-sentenza gie kkunsidrat li:

'*Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s- suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il- kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ewwel (1) ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l- oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."*

Illi tenut kont ta' dak ikkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li l-apellanta kienet konoxxenti tal-fatt li l-oggetti li hija laqghat fir-residenza taghha inxtraw minn flus bi provenjenza illecita jew li messa ssuspettat li l-oggetti kellhom provvenjenza illecita ossia l-flus li bihom inxtraw l-oggetti kienu migjuba b'mod illecitu. Din il-Qorti sejra tikkonferma l-htija tar-raba' (4) akkuza rigwardanti r-ricettazzzjoni ossia li '*f'Malta*

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Jannar, 2015 (Appell Kriminali Numru. 352/2014)

*xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.*' Dan naturalment ma jfissirx li l-htija tal-kumplament tal-imputazzjonijiet sejra tigi kkonfermata.

Din il-Qorti sejra tistharreg jekk l-Ewwel Qorti kinitx *safe and satisfactory* li ssib lill-appellanta hatja tal-ewwel tlett (3) imputazzjonijiet u li ghalhekk jekk tistax issib li l-appellanta kellha l-involviment fl-iskema tal-gbir tal-flus b'mod ghal kollox frawdolenti u dan fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanta tissottometti ukoll dwar il-grad tal-prova rikjest fil-kamp kriminali u cioe' dik ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Supretendent Simon Galea) (Spettur Frank Anthony Tabone) vs Charles Paul Muscat'**[28] ghakemm b'fatti kompletament differenti, gie kkunsidrat li:

'*Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-* ***Pulizija vs Peter Ebejer****, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir- raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l- Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz* ***Miller v Minister of Pension*** *- 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'*

[28] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Marzu, 2018 (Numru: 54/2013)

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

*Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:*

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

*Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl- ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l- verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.'*

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-involviment tal-imputata fl-iskema tal-gbir tal-flus, gialadarba Joseph Meilaq ammetta l-involviment tieghu, din il-Qorti sejra tikkunsidra ukoll jekk mill-provi prodotti jirrizultax '*common design*' li tikkonferma l-involviment u l-komplicita' tal-appellanta fit-twettiq tar-reat. Dan qed jinghad ghaliex fis-sitema guridka taghna ma jesistix 'complicity after te fact' .

Joseph Meilaq fix-xhieda tieghu minn naha wahda jaghti l-impressjoni li l-idea kienet tal-appellanta sabiex jerga jaqbad il-vizzju li jmur jigbor tant li jaghti l-impressjoni li ghal bidu kien irrezista din l-idea peress li fi kliemu '*ma rridx nerga naghmel kummidji nsomma*'. Din il-Qorti hija tal-fehma li x-xhieda ta' Joseph Meilaq hija f'xi waqtiet konfuzjonarja, fis-sens li qajmet id-dubju lil din il-Qorti dwar jekk il-proposta li bhal donnu jallega li ghamlitlu l-appellanta kinitx li jmur jigbor il-flus jew li tenut kont tar-rikjesti tal-appellanta ghal flus ossia ghal mitt ewro (€100) u ghall-oggetti kollha li

riedet l-appellanta, huwa rega' waqa' fil-vizzju li jigbor flus b'mod frawdolenti. Tant li xehed li '*qaltli xi trid tahdem qaltli jien ma, qaltli noqghod niggera qaltli jiena nhobb noqghod hekk easy money u bdejna fuq hekk speci. Imbaghad bdiet u kien hemm qisu karta fl-letter box tal-qishom f'isem tad-Dar tal-Provvidenza.*' Mistoqsi f'liema letter box, wiegeb li f'tas-Siggiewi. Ghalhekk jaghti x'jifhem li l-appellant giet bl-idea ta' din l-iskema frawdolenti. Filwaqt li meta mistoqsi dwar meta kien precedentement imur jigbor b'ritratt, jekk kienx jaf lil Graziella Apap xehed li '*Le qabel ma kontx nafha imma veru kont ghamiltha imma mbaghad bdejna bl-idea u bbdiet hi ukoll u spicca qaltli erga' aqbda dak il-vizzju qaltli inti tinqala.*' Biss pero' meta mistoqsi '*U skont int Graziella Apap tatek l-idea jigifieri?*' wiegeb '*Le, mhux bdejniha t-tnejn (2), it-tnejn (2).*' Din il-Qorti ma tistax hlief li tqis din bhala kuntradizzjoni, fejn minn naha wahda ta' x'jifhem li kien mibghut u mgieghel minn Graziella Apap sabiex jaghmel dawn l-atti frawdolenti u minn naha l-ohra jaghti x'jifhem li kienet l-idea ta' tnejn li huma. Dak li jirrizulta kjarament hu li din ma kinitx l-ewwel darba li Meilaq instab hati ta' dawn l-atti frawdolenti. L-Avukat Generali fin-nota tieghu indika ukoll l-artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess ghamlet l-Ewwel Qorti fil-parti disposittiva tas-sentenza appellata. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kienet anke sabet lill-appellanta hatja bhala komplici. Kif tghallem il-gurisprudenza sabiex persuna tista' tinstab hatja bhala komplici, jehtieg li jigi pruvat li kien hemm '*common design*' bejn l-awtur u l-komplici **qabel** [29]ma jkun twettaq ir-reat in kwistjoni u mhux xjenza tat-twettieq tar-reat wara li jkun gie kkunsmat. Il-fatt li persuna tkuna accettat oggetti misruqa jew mixtrija minn flus li ghandhom provenjenza illecita ma jfisser bl-ebda mod li dik il-persuna tkun komplici tal-kommissjoni tar-reat, f'dan il-kaz taht l-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Keith Stagno Navarro'**[30]:

*10. Issa, l-appellant ġie akkużat b'kompliċita` fit-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet. Sabiex teżisti l-kompliċità jrid ikun hemm dak illi huwa magħruf bhala "a common design" bejn l-awtur u l-kompliċi. Fil-każ in eżami l-att in kwistjoni huwa l-mili u preżentar tad-denunzji foloz lid-Dipartiment tal- VAT. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma tirriżulta l-ebda prova li turi li l-appellant kien konsapevoli tal-fatt illi se jimtlew denunzji foloz; ma tirriżulta l-ebda prova li turi li għen jew assista b'xi mod sabiex jimtlew dawk id-denunzji – difatti lanqas ma*

[29] Enfasi tal Qorti
[30] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Dicembru, 2017 (Appell numru: 307/12 DS)

*huma ffirmati minnu; lanqas ma tirriżulta xi prova li turi li sar xi ftehim dwarhom.*

*11. Fil-liġi Maltija, il-figura ta' accessory after the fact li teżisti fil-liġi Ingliża ma tiffurmax parti mill-elementi inklużi u msemmija tassattivament fil-liġi, biex ikun hemm kompliċita' fir-reat.*[31] *Fin-Noti tal-Professur Mamo*[32] *insibu dan li ġej: 'Concurrence after the fact is impossible. All that comes after the event cannot be the cause thereof ... it is extraneous to its happening whatever its connection with it. Thus to receive stolen articles, or to harbour a fugitive from the prisons, or to conceal the dead body of a murdered person, cannot in themselves be considered as a participation in the respective crimes. All such actions may be, in fact, are made punishable by the law as offences 'sui generis' but it would be absurd to regard them as forms of accession to the crime. Nor can it be objected that such actions are very often but the carrying out of a previous promise; for, in any such case, the antecedent promise being made to appear, it would be such promise made before the event that would constitute complicity and not its fulfilment after the fact.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Spiridione Zammit) vs Joseph Penza detentur tal-Karta tal-Identita' numru 382255M u George Muscat detentur tal-Karta tal-identita' numru 331967M**[33]dwar il-concorsum delinquentium gie kkunsidrat li:

*Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ighid is-segwenti dwar 'l hekk imsejjah concursus delinquentium: "A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes the offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence." (sottolinjar tal- Qorti).*

*Ikompli:*

*"There cannot be a 'concursus delinquentium' without a common design to commit a specific offence. The general principle that a man is responsible for an offence only if the act was voluntarily and knowingly committed by him, applies to each of the parties to the offence. ... "*

---

[31] Appell Kriminali Inferjuri Il-Pulizija kontra Shirley Chircop, 6 ta' Gunju 2002. (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)
[32] Paġna 126. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)
[33] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-5 ta' Lulju, 2016 (Kumpilazzjoni Nru. 108/2013)

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Omissis Alfreda Bondin'**[34] gie kkunsidrat li:

'*Kif tajjeb argumentat l-appellanta biex tezisti l-komplicità jrid ikun hemm dak illi huwa maghruf bhala "a common design" bejn l-awtur u l-komplici. Skont l-appellanta dan ma jirrizultax. Il-Qorti, però ma taqbix. A fol 15 tar- relazzjoni tal-perit tekniku hemm ix-xhieda diretta tal-parti leza George Galea illi filwaqt illi gharaf lil Jason Ellul, sema' lill-appellanta illi kienet prezenti fuq il-bejt u hegget lil Jason Ellul ikompli bix-xoghol illi kien qieghed jaghmel. L-artikolu 42 tal-Kap 9 illi jitratta dwar il-komplicità, fis-sub artikolu (e), jinghad li persuna titqies komplici f'delitt jekk hija "tkun xewxet lil haddiehor inkella sahhet il-volonta tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew wieghdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah."*

*Irrizulta minghajr ebda dubju dettat mir-raguni illi f'dak il- mument fuq il-bejt, Jason Ellul kien qed ihott il-hajt, l- appellanta kienet qieghda ssahhah il-volontà tieghu sabiex jissokta fit-twettieq tar-reat. U hawn qieghed il- "common design" bejn l-awtur Jason Ellul u l-appellanta – it-tnejn riedu jnehhu dak il-hajt, wiehed qed jesegwixxi u l- ohra qieghda ssahhah il-volontà tieghu. Dan jaqa' nettament taht ic-censura tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-reat ta' ragion fattasi, bil-komplicità tal-appellanta kif jidher espressament mill-artikolu 42(e) tal-istess Kodici Kriminali. Ghalhekk, l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. F'dan il-kaz ma tistax tigi disturbata d-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti.*'

Kif gia kkunsidrat aktar il-fuq din il-Qorti hija konvinta li l-appellanta kienet taf li l-flus u l-oggetti in kwistjoni kienu akkwistati minn flus migjuba permezz ta' reat biss pero' ghalkemm din il-Qorti ghandha numru ta' suspetti dwar l-agir tal-appellanta, inkluz il-mod ta' kif gabet ruhha mal-Ispettur Ferris u meta lemhet lil Meilaq meta sar il-konfront fl-istadju tal-investigazzjoni, bil-provi prodotti ossia mill-provi indizzjarji mhijiex konvinta sal grad rikejst mill-ligi u cioe' lil hinn minn kul dubbju detat mir-raguni li dawn jistghu iwasslu ghal konkluzjoni wahda, u wahda biss, ossia dik ta' htija li l-appellanta kienet fi kliem l-Ewwel Qorti '*kompletament partecipi ma' Joseph Meilaq fl-iskema frawdolenta li huma vvintaw sabiex igeghlu lil diversi nies*

[34] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Lulju, 2013 (Appell Kriminali Numru: 458/2012)

*anzjani jaghtuhom donazzjoni ghad-Dar tal-Provvidenza.'* u lanqas li '*ghalkemm kien Joseph Meilaq li kien qed jibor il-flus, li huwa kien qed jigi mgieghel jaghmel hekk mill-imputata li kienet tindikalu z-zoni ta' Malta fejn kellu jmur, u kienet tesigi li huwa jaghtiha certa ammont ta' flus kuljum...*' u '*l-iskema li huma ikkomplottaw bejniethom.'*.

Mill-provi jirrizultaw numru ta' provi indizzjarji, fosthom li uhud mill-oggetti li l-appellant qal li nxtraw mill-flus migbura b'mod frawdolenti instabu fir-residenza tal-appellanta, li fir-residenza tal-appellanta instabu zewg 'ircevuti tad-Dar tal-Provvidenza' ossia dawk li jinsabu a fol 67 immarkata bhala Dok JF15 u fol 68 li kif spjega l-ispettur Ferris fix-xhieda tieghu tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) '*Mir-residenza ukoll tas-Sinjura Apap elevvajt zewg ircevuti ghidilhom inti l-istess tad-Dar tal-Provvidenza l-istess bhal ma elevvajt minghand is-Sur Meilaq mill-karozza tas-Sur Meilaq'*, il-fatt li l-agir tal-appellanta waqt l-investigazzjoni inkluz meta kellu jsir il-konfront ma kienx kooperattiv xejn u kien filfatt jaqbel ma' dak li Meilaq iddeskriva precedentement. Jirrizulta ukoll li l-Ispettur Ferris fix-xhieda tieghu tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) spjega li Antonella Farrugia li giet arrestata ma' Joseph Meilaq stante li kienet fil-kumpannija tieghu meta gie arrest qalet li '*dana Joseph Meilaq kien spiss qieghed fuq il-mobile il-hin kollu jitkellem ma' certu wahda Gra qaltli jigifieri kull ma beda jsemmilha Gra, Gra, il-hin kollu Gra...*' Xehed ukoll li '*is-Sinjura Farrugia semghet lil dan Joseph Meilaq jghidilhha jiena ghandi l- €100 lesta ghalik.*' Biss pero' din Antonella Farrugia baqghet qatt ma ttellghet tixhed quddiem l-Ewwel Qorti biex tikkonferma dan. <u>Dan hu nuqqas kbir da parte tal-prosekuzzjoni.</u> [35]

Minkejja l-provi indizzjarja kollha, dawn il-provi jridu ikunu cari u univoci sabiex iwasslu ghal sejbien ta' htija tant li meta interpretati ma jwasslu ghall-ebda konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija. Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet <u>**'Il-Pulizija (Spettur Pierre Grech) vs Dylan Agius ID 401187(M))'**</u>[36] ikkunsidrat ukoll:

*Illi l-gurist **Ingliz Pollock C.B**[37] jiddeskrivi l-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal- univocita` tagħha bis-segwenti mod:*

[35] Sottolinear u enfasi ta din l-Qorti
[36] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-8 ta' Lulju, 2016 (Kawza numru: 83/2011)
[37] Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata ghaxra (10) fis-sentenza citata)

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of."* (Emfazi mizjuda)

Issir referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana'**[38] fejn gie ikkunsidrat '*Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.*'

Ikkunsidrat;
Illi f'dan il-kaz partikolari, minkejja l-oggetti misjuba fir-residenza tal-appellanta, inkluz ircevuti uzati minn Meilaq bhala mahruga mid-Dar tal-Providenza, jibqa' l-fatt li Meilaq ikkonferma li ghamel gimghatejn jghix ghand l-appellanta, fatt importanti li din il-Qorti ma tistax tiskarta. Jirrizulta ukoll li ghalkemm Meilaq fix-xhieda tieghu jghid li l-ammonti kollha hadithom Graziella Apap, din il-Qorti ma temminx li Meilaq ma beda jzomm xejn ghalih.

Din il-Qorti tissottolinea li hemm suspetti kbar dwar l-agir tal-appellanta, inkluz tal-mod ta' kif gabet ruhha fl-investigazzjoni tant li ma kkoperatx mal-Pulizija biss pero' fil-kamp kriminali, il-Pulizija trid tipprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-

[38] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Novembru 2001

raguni u stante li jezisti '*lurking doubt*' dwar l-involviment ta' Graziella Apap, din il-Qorti ma tistax tikkonferma l-htija tal-ewwel tlett' imputazzjonijiet lanqas bhala komplici stante minkejja dak allegat minn Meilaq, din il-Qorti mhijiex tistrieh fuqu, filwaqt li mill-kumplament tal-provi, din il-Qorti hija tal-fehma li ma gietx ippruvata 'common design' fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax tikkonferma l-htija tal-ewwel (1) imputazzjoni ossia ta' frodi b'eghmil qarrieqi ai termini tal-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tat-tieni (2) imputazzjoni ossia li kellha fil-pussess taghha jew taht il-kontroll taghha xi oggett ghall-uzu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma xi frodi u dan tenut kont tal-fatt li ghalkemm zewg (2) ircevuti b'isem tad-Dar tal-Provvidenza instabu fir-residenza tal-appellanta, Meilaq kien xehed li kien ghamel gimghatejn jirrisjedi ghand l-appellanta u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonkludi b'konvinzjoni morali li dawn kienu fil-pussess jew taht il-kontroll tal-appellanta. In oltre, lanqas ma tista' ssib htija tat-tielet (3) imputazzjoni ossia li assocjat ruhha ma' persuna ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li taghmel delitt, ossia frodi ai termini tal-artikolu 308 u 309 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunenrija u li ma hux delitt taht l-Att dwar l-istampa u dan abbazi tal-kunsiderazzjonijiet maghmulha minn din il-Qorti.

Kif gia ikkunsidrat, din il-Qorti qieghda izda tikkonferma l-htija tar-raba' (4) imputazzjoni ossia dik ta' recitazzjoni ossia li '*f'Malta xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuha b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.*'

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-addebitia tar-recidiva *ai termini* tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kemm mill-fedina penali prezenta kif ukoll mis-sentenzi prezentati mill-Ispettur Ferris, jirrizulta li l-ahhar darba li l-appellanta instabet hatja ta' reat kien permezz tad-decizjonijiet datati s-sbatax (17) ta' Ottubru fis-sena elfejn u sitta (2006) filwaqt li l-imputazzjonijiet in kwistjoni jirrisalu ghal '*Novembru 2014 u fix-xhur ta' qabel*'. L-Ewwel Qorti xorta wahda sabet lill-appellanta hatja tal-addebitu tar-

recidiva. Tenut kont li l-appellanta ma resqitx sottomissjonijiet dwar is-sejbien ta' htija tar-recidiva fl-appell taghha, din il-Qorti mhijiex sejra tikkunsidra oltre minn dan u sejra ghalhekk tikkonferma fejn il-Qorti sabet li tirrizula l-addebitu tar-recidiva.

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanta appellat ukoll mill-piena erogata kontra taghha, fejn tilmenta li l-piena ta' erba' (4) snin prigunerija hija wahda sproporzjonata u eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi. Tissottometti li l-Ewwel Qorti ma hadet xejn in konsiderazzjoni li seta' japplika a favur tal-appellanta, b'mod specjali s-Social Inquiry Report pozittiv fir-rigward tal-appellanta. Tissottometti li ma tatx importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv u ghalkemm il-piena kemm fil-kwalita' taghha u fil-kwantitta' ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv. Tissottometti li hija omm ta' tfal u li jekk tintbaghat tiskonta piena karcerarja, kemm il-minuri kif ukoll l-appellanta ser ikunu pregudikati. Tissottometti ukoll li minn dak iz-zmien l' hawn ghadda zmien u li dan kellu jittiehed in konsiderazzjoni fil-piena u jimmilita a favur tal-appellanta. Tissottometti ukoll li l-Qorti u l-gurisprudenza dejjem ghalmithom li l-ewwel haga li ma ghandha tipprova taghmel il-Qorti meta tinstab htija, hija li tirriforma lil hati u timponi biss piena karcerarja meta ma jkunx hemm toroq alternattivi, specjalment fil-konfront ta' persuna li ghadha zghira u li ghad tista' tirriforma hajjitha, u f'kawza sommarja.

L-appellanta kienet anke talbet sabiex ikollha opportunita' tharrek lill-ufficjal tal-Probation li hejjiet is-Social Inquiry Report sabiex taghti update tal-hajja tal-appellanta.

Illi tenut kont tal-fatt li din il-Qorti sejra tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet htija tal-ewwel tlett (3) imputazzjoni, dan sejjer jigi rifless fil-piena li sejra timponi din l-Onorabbli Qorti.

Din il-Qorti b'harsa lejn il-fedina penali tal-appellanta issib li l-maggoranza tar-reati li l-appellanta instabet hatja taghhom jirrigwardaw tlajjar ghal skop ta' prostituzzjoni

jew ghal skopijiet immorali. Filwaqt li fl-elfejn u tlieta (2003) giet anke misjuba hatja ta' serq ta' trophies b'valur ta iktar minn LM100 izda li ma jaccedix LM1000 u fejn kienet inghatat piena taht l-artikolu 7 tal-Kap 446 ghal zmien tlett (3) snin. Din il-Qorti tinnota wkoll li l-ahhar sejbien ta' htija huma s-sentenzi datati sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006). Il-Probation Officer Maryrose Farrugia Maryrose Farrugia fis-seduta tat-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fis-Social Inquiry Report prezentat minnha fost numru ta' rizultanzi fosthom li meta l-appellanta intalbet sabiex isirilha test tal-urina kontra l-abbuz mid-droga fid-Dipartiment tal-Probation u l-parole, meta marret l-ufficcju sabiex isirilha dan it-test, qalet li ma setghetx taghti l-kampjun tal-urina. Dwar ir-raguni ghala ma setghax isir dan it-test, din il-Qorti ma ghandha l-ebda informazzjoni. Izda l-Ufficjal tal-Probation irrakomandat li '*F'dawn iċ-ċirkostanzi fuq imsemmija jidher li jkun opportun li Graziella Galea*[39] *tkompli tibbenefika mis-servizz maghruf bħala Home Based Therapeutic Service (HBTS) fejn sewwa hi kif ukoll uliedha qed jinghataw terapija fid-dar taghhom stess. Dan is-servizz qieghed ikun offrut mill-Agenzija Leap.*

Din il-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi l-imposizzjoni ta' ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin ghandu jwassal lill-appellanta biex tiehu l-opportunita' biex verament timxi fit-triq it-tajba u sabiex ma tergax twettaq reat iehor. Din il-Qorti taghmilha cara li hija ma tkunx propensa li terga taghti cans iehor lill-appellanta jekk terga twettaq reat iehor u ghalhekk ghandha taderixxi ma dak li jordna l-ufficjal tal-probation.

Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti sabet lill-appellanta hatja tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet u tilliberaha minnhom u tirrevoka ukoll il-piena ta' erba' (4) snin prigunerija kif ukoll tirrevoka fejn b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lill-imputata sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub thallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tliet mija erba' u ghoxrin ewro u sitta u tmenin centezmu (€324.86) bhala nofs l-ispejjez kwantifikati mill-Ewwel Qorti konnessi mal-hatra tal-espert f'dan il-kaz u ghalhekk tilliberaha minn dik l-ordni, tikkonferma l-htija tar-raba' (4) imputazzjoni kif ukoll tar-recidiva, u sejra minfokk

[39] Din il-Qorti tifhem li minflokk 'Galea' kellu jitnizzel 'Apap'

bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-appellanta taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum skont id-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-imputata kif ukoll li tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole sabiex jigi nominat kandidat idoneju sabiex jiehu hsieb din l-Ordni ta' Probation. Taghti ir-rakomandazzjoni taghha lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole sabiex jappunta lill-istess Probation Officer u cioe l-Probation Officer Maryrose Farrugia li kienet gja hejjiet is-Social Inquiry Report prezentat quddiem l-Ewwel Qorti.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
Vera Kopja

Franklin Calleja
Deputat Registratur

**Qorti tal-Appell Kriminali**

ORDNI TA' PROBATION (MAGHMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Illum: 26 ta' Frar, 2019

Il-Pulizija

Spettur Doriette Cuschieri

vs

Graziella Apap

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, Graziella Apap giet ikkonfermata bhala hatja tar-raba' imputazzjoni u tar-recidiva kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation u giet mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-hatja bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l- Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk tonqos li thares din l-Ordni jew taghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, tkun tista' tigi kkundannata ghar-reat li ghalih qed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hatja wriet li trid thares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation;

Ghalhekk tordna li l-hatja Graziella Apap, detentrici tal-karta tal-identita' numru 0193784M tkun ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hatja ghandha ggib ruhha tajjeb, toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u zzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilha.

2. L-Ufficcjal tal-probation mahtur ghal dan l-iskop ghandha tirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hatja kull sitt xhur.

3. Il-hatja ghandha tavza immedjatament lill-Ufficjal tal-probation b'kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha.

4. Li ghandha zzomm ruhha f'kuntatt mal-ufficjal tal-Probation skont id-direttivi li jaghtiha minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li hija ghandha, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, tircievi zjarat tal-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li l-hatja ghandha toqghod ghal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Ufficjal tal-Probation intizi li jghinu lill-hatja biex ma jerggax jirrepeti r-reat jew jikkommetti reati ohra.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hatja u lid-Direttur tas-Serivizzi tal-Probation u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

……………………………………

Graziella Apap

Franklin Calleja

Deputat Registratur